C/2026/2595

8.5.2026

NOTA TA' INFORMAZZJONI

Ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-transitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju [1]: Informazzjoni dwar il-miżuri adottati mill-Istati Membri

(C/2026/2595)

L-Artikoli 6(5), 7(4), 8(6), 9(4), 11(5), 12 (6), 22(2) u 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament") jistabbilixxu li l-miżuri meħuda mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-Regolament jenħtieġ li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-Istati Membri ddeċidew li jippubblikaw ukoll informazzjoni addizzjonali dwar miżuri imposti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 4 u l-Artikolu 5(3) sabiex jiżguraw li l-esportaturi jkollhom aċċess għal informazzjoni komprensiva dwar il-kontrolli applikabbli fl-UE kollha.

1. INFORMAZZJONI PPROVDUTA MILL-ISTATI MEMBRI FIR-RIGWARD TAL-ARTIKOLU 4(3) TAR-REGOLAMENT (REKWIŻIT TA' AWTORIZZAZZJONI FUQ L-ESPORTAZZJONI TA' OĠĠETTI B'UŻU DOPPJU MHUX ELENKATI FL-ANNESS I)

Stat Membru jista', fl-applikazzjoni tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament, jestendi l-applikazzjoni tal-Artikolu 4(1) għal oġġetti b'użu doppju mhux elenkati, jekk l-esportatur ikollu raġunijiet biex jissuspetta li dawk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal xi wieħed mill-użi msemmija fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

L-Artikolu 4(4) tar-Regolament jirrikjedi li l-Istati Membri li jimponu rekwiżit ta' awtorizzazzjoni, b'applikazzjoni tal-Artikolu 4(3), fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I, jinformaw, fejn xieraq, lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni. It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri li ġew innotifikati lill-Kummissjoni. Il-miżuri ddettaljati kif innotifikati lill-Kummissjoni huma stipulati immedjatament wara dan.

Stat Membru	L-Istat Membru adotta leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 4(3)?
IL-BELĠJU	Parzjalment IVA
IL-BULGARIA	IVA
IR-REPUBBLIKA ĊEKA	IVA
ID-DANIMARKA	IVA
IL-ĠERMANJA	LE
L-ESTONJA	LE
L-IRLANDA	IVA
IL-GREĊJA	LE
SPANJA	LE
FRANZA	LE
IL-KROAZJA	IVA
L-ITALJA	IVA
ĊIPRU	LE

[1] ĠU L 206, 11.6.2021, p. 1.

Stat Membru	L-Istat Membru adotta leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 4(3)?
IL-LATVIJA	IVA
IL-LITWANJA	IVA
IL-LUSSEMBURGU	IVA
L-UNGERIJA	IVA
MALTA	LE
IN-NETHERLANDS	LE
L-AUSTRIJA	IVA
IL-POLONJA	LE
IL-PORTUGALL	LE
IR-RUMANIJA	IVA
IS-SLOVENJA	IVA
IS-SLOVAKKJA	LE
IL-FINLANDJA	IVA
L-IŻVEZJA	IVA

1.1. **Il-Belġju**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa, fir-Reġjun Fjamming u fir-Reġjun ta' Wallonia, għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li dawk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(L-Artikolu 3, §1, 1°, tad-Digriet tal-Gvern Fjamming tad-19 ta' Diċembru 2025 li jirregola l-esportazzjoni, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju u l-għoti ta' assistenza teknika (Gazzetta Uffiċjali Belġjana tas-26 ta' Jannar 2026); l-Artikolu 4 tad-Digriet tal-Gvern tal-Wallonia tas-6 ta' Frar 2014 li jirregola l-esportazzjoni, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju (il-Gazzetta Uffiċjali Belġjana tad-19 ta' Frar 2014)).

1.2. **Il-Bulgarija**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għal oġġetti b'użu doppju għandha tkun meħtieġa għal oġġetti b'użu doppju minbarra dawk elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821, fejn il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 4, 5, 9 jew 10 huma ssodisfati, għad-destinazzjonijiet kollha jew xi whud minnhom elenkati fl-istess Regolament.

(L-Artikolu 34, il-paragrafu 1 tal-Att dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni ta' Prodotti Relatati mad-Difiża u Oġġetti u Teknoloġiji b'Użu Doppju, (emendat - Gazzetta tal-Istat Nru 41/2024, effettiv fl-10.05.2024)).

1.3. **Ir-Repubblika Ċeka**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li dawk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(L-att 594/2004 Coll, kif emendat; §3.(4)).

1.4. **Id-Danimarka**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li dawk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(L-Artikolu 2(6) tal-Liġi Daniża dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni).

1.5. **L-Irlanda**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li dawk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(L-Att dwar il-Kontroll tal-Esportazzjonijiet tal-2023, it-Taqsima 10, Obbligi tal-esportatur skont l-Artikoli 3, 4, 5, li beda fit-23 ta' Awwissu 2024.).

1.6. **Il-Kroazja**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li dawk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(L-Artikolu 5(2) tal-Att dwar il-Kontroll ta' oġġetti b'użu doppju, OG 83/2023).

1.7. **L-Italja**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li dawk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(L-Artikolu 9 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 221/2017 tal-15 ta' Diċembru 2017, fis-seħħ mill-1 ta' Frar 2018).

1.8. **Il-Latvja**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li dawk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(L-Artikolu 5(7) u l-Artikolu 17(1) tal-Liġi dwar iċ-Ċirkolazzjoni ta' Merkanzija Strateġika tal-21 ta' Ġunju 2007; Il-Punt 31 tar-Regolament 657 (20.10.2010) Proċeduri għall-Ħruġ jew Rifjut ta' Ħruġ ta' Liċenzja għal Merkanzija ta' Sinifikat Strateġiku u Dokumenti Oħra Relatati maċ-Ċirkolazzjoni ta' Merkanzija ta' Sinifikat Strateġiku).

1.9. **Il-Litwanja**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet biex jissuspetta li l-oġġetti b'użu doppju huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

((Riżoluzzjoni tal-Gvern Nru 932 "Dwar l-Approvazzjoni tar-Regoli tal-Liċenzjar għall-Esportazzjoni, l-Importazzjoni, it-Tranżitu u s-Senserija ta' Oġġetti Strateġiċi u r-Regoli tal-Implimentazzjoni tal-Kontroll ta' Oġġetti Strateġiċi").

1.10. **Il-Lussemburgu**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li dawk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(Il-Liġi tas-27 ta' Ġunju 2018 dwar il-kontroll tal-esportazzjoni, l-Artikolu 45(1)).

1.11. **L-Ungerija**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li dawk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(Il-paragrafu 7 tad-Digriet tal-Gvern Nru 13 tal-2011 dwar "l-awtorizzazzjoni tal-kummerċ barrani ta' oġġetti b'użu doppju").

1.12. **L-Awstrija**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li dawk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(It-Taqsima 5 tal-Ewwel Regolament dwar il-Kummerċ Barrani tal-2011 (Erste Außenwirtschaftsverordnung 2011), BGBl. II Nru 343/2011, ippubblikat fit-28 ta' Ottubru 2011).

1.13. **Ir-Rumanija**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet biex jissuspetta li l-oġġetti b'użu doppju huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(L-Artikolu 5(4) ta' GO 43/2022 dwar ir-reġim ta' kontroll għall-operazzjonijiet li jikkonċernaw oġġetti b'użu doppju).

1.14. **Is-Slovenja**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li dawk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(L-Artikolu 4(1) tal-Att li Jirregola l-Kontroll tal-Esportazzjonijiet ta' Oġġetti b'Użu Doppju (Zakon o nadzoru izvoza blaga z dvojno rabo (Uradni list RS, št. 37/04, 8/10 in 29/23).

1.15. **Il-Finlandja**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li dawk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(Il-paragrafu 5(1) tal-Att Nru 500/2024).

1.16. **L-Iżvezja**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet biex jissuspetta li oġġetti b'użu doppju li qed jipproponi li jesporta, huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(It-Taqsima 4a tal-Ordinanza dwar l-Ordinanza dwar il-Kontroll tal-Oġġetti b'Użu Doppju u l-Assistenza Teknika (2000: 1217)).

2. **INFORMAZZJONI PPROVDUTA MILL-ISTATI MEMBRI FIR-RIGWARD TAL-ARTIKOLU 5(3) TAR-REGOLAMENT (REKWIŻIT TA' AWTORIZZAZZJONI FUQ L-ESPORTAZZJONI TA' OĠĠETTI TA' SORVELJANZA ĊIBERNETIKA MHUX ELENKATI FL-ANNESS I)**

Stat Membru, b'applikazzjoni tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament, jista' jadotta jew iżomm leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi rekwiżit ta' awtorizzazzjoni fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti ta' sorveljanza ċibernetika mhux elenkati fl-Anness I jekk l-esportatur ikollu raġunijiet biex jissuspetta li dawk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu b'konnessjoni ma' repressjoni interna u/jew it-twettiq ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali.

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri li ġew innotifikati lill-Kummissjoni. Il-miżuri ddettaljati kif innotifikati lill-Kummissjoni huma stipulati immedjatament wara dan.

Stat Membru	L-Istat Membru adotta leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 5(3)?
IL-BELĠJU	Parzjalment IVA
IL-BULGARIA	IVA
IR-REPUBBLIKA ĊEKA	LE
ID-DANIMARKA	IVA
IL-ĠERMANJA	LE
L-ESTONJA	LE
L-IRLANDA	IVA
IL-GREĊJA	LE
SPANJA	LE
FRANZA	LE
IL-KROAZJA	IVA
L-ITALJA	IVA
ĊIPRU	LE
IL-LATVIJA	LE
IL-LITWANJA	LE
IL-LUSSEMBURGU	LE
L-UNGERIJA	IVA
MALTA	LE
IN-NETHERLANDS	LE
L-AUSTRIJA	LE
IL-POLONJA	LE
IL-PORTUGALL	LE
IR-RUMANIJA	IVA
IS-SLOVENJA	IVA
IS-SLOVAKKJA	LE
IL-FINLANDJA	LE
L-IŻVEZJA	IVA

2.1 **Il-Belġju**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa, fir-Reġjun Fjamming u fir-Reġjun ta' Wallonia, għall-esportazzjoni ta' oġġetti taċ-ċibersorveljanza meta esportatur ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li dawk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament.

(L-Artikolu 3, §1, 2°, tad-Digriet tal-Gvern Fjamming tad-19 ta' Diċembru 2025 li jirregola l-esportazzjoni, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju u l-għoti ta' assistenza teknika (Gazzetta Uffiċjali Belġjana tas-26 ta' Jannar 2026).

2.2. **Il-Bulgarija**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għal oġġetti b'użu doppju għandha tkun meħtieġa għal oġġetti b'użu doppju minbarra dawk elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821, fejn il-kundizzjonijiet tal-Artikoli 4, 5, 9 jew 10 huma ssodisfati, għad-destinazzjonijiet kollha jew xi whud minnhom elenkati fl-istess Regolament.

(L-Artikolu 34, il-paragrafu 1 tal-Att dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni ta' Prodotti Relatati mad-Difiża u Oġġetti u Teknoloġiji b'Użu Doppju, (emendat - Gazzetta tal-Istat Nru 41/2024, effettiv fl-10.05.2024)).

2.3. **Id-Danimarka**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet biex jissuspetta li oġġetti ta' ċibersorveljanza li qed jipproponi li jesporta, huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament.

(L-Artikolu 2(8) tal-Liġi Daniża dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni).

2.4. **L-Irlanda**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet biex jissuspetta li oġġetti ta' ċibersorveljanza li qed jipproponi li jesporta, huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament.

(L-Att dwar il-Kontroll tal-Esportazzjonijiet tal-2023, it-Taqsima 10, Obbligi tal-esportatur skont l-Artikoli 3, 4, 5, li beda fit-23 ta' Awwissu 2024.)

2.5. **Il-Kroazja**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet biex jissuspetta li oġġetti ta' ċibersorveljanza li qed jipproponi li jesporta, huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament.

(L-Artikolu 5(2) tal-Att dwar il-Kontroll ta' oġġetti b'użu doppju, OG 83/2023).

2.6. **L-Italja**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet biex jissuspetta li oġġetti ta' ċibersorveljanza li qed jipproponi li jesporta, huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament.

(L-Artikolu 9 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 221/2017 tal-15 ta' Diċembru 2017, fis-seħħ mill-1 ta' Frar 2018).

2.7. **Ir-Rumanija**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet biex jissuspetta li oġġetti ta' ċibersorveljanza li qed jipproponi li jesporta, huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament.

(L-Artikolu 5(4) ta' GO 43/2022 dwar ir-reġim ta' kontroll għall-operazzjonijiet li jikkonċernaw oġġetti b'użu doppju).

2.8. **L-Ungerija**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet biex jissuspetta li oġġetti ta' ċibersorveljanza li qed jipproponi li jesporta, huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament.

(Il-paragrafu 8 tad-Digriet tal-Gvern Nru 13 tal-2011 dwar "l-awtorizzazzjoni tal-kummerċ barrani ta' oġġetti b'użu doppju").

2.9. **Is-Slovenja**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet biex jissuspetta li oġġetti ta' ċibersorveljanza li qed jipproponi li jesporta, huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament.

(L-Artikolu 4(2) tal-Att li Jirregola l-Kontroll tal-Esportazzjonijiet ta' Oġġetti b'Użu Doppju (Zakon o nadzoru izvoza blaga z dvojno rabo (Uradni list RS, št. 37/04, 8/10 in 29/23).

2.10 **L-Iżvezja**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet biex jissuspetta li oġġetti ta' ċibersorveljanza li qed jipproponi li jesporta, huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament.

(It-Taqsima 4a tal-Ordinanza dwar l-Ordinanza dwar il-Kontroll tal-Oġġetti b'Użu Doppju u l-Assistenza Teknika (2000: 1217)).

3. **INFORMAZZJONI PPROVDUTA MILL-ISTATI MEMBRI FIR-RIGWARD TAL-ARTIKOLU 6(3) TAR-REGOLAMENT (ESTENSJONI TAL-KONTROLLI TA' SENSERIJA)**

L-Artikolu 6(3) flimkien mal-Artikolu 6(5) tar-Regolament jirrikjedi li l-Kummissjoni tippubblika miżuri meħuda mill-Istati Membri sabiex jestendu l-applikazzjoni tal-Artikolu 6(1) għal oġġetti b'użu doppju mhux elenkati.

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri li ġew innotifikati lill-Kummissjoni. Il-miżuri ddettaljati kif innotifikati lill-Kummissjoni huma stipulati immedjatament wara dan.

Stat Membru	L-applikazzjoni tal-kontrolli tas-senserija stipulati fl-Artikolu 6(1) ġiet estiża aktar għall-Artikolu 6(3)?
IL-BELĠJU	LE
IL-BULGARIA	IVA
IR-REPUBBLIKA ĊEKA	IVA
ID-DANIMARKA	LE
IL-ĠERMANJA	LE
L-ESTONJA	IVA
L-IRLANDA	IVA
IL-GREĊJA	IVA
SPANJA	IVA
FRANZA	LE
IL-KROAZJA	IVA
L-ITALJA	IVA
ĊIPRU	LE
IL-LATVIJA	IVA
IL-LITWANJA	LE
IL-LUSSEMBURGU	IVA
L-UNGERIJA	IVA
MALTA	LE
IN-NETHERLANDS	IVA
L-AUSTRIJA	IVA
IL-POLONJA	LE

Stat Membru	L-applikazzjoni tal-kontrolli tas-senserija stipulati fl-Artikolu 6(1) ġiet estiża aktar għall-Artikolu 6(3)?
IL-PORTUGALL	LE
IR-RUMANIJA	LE
IS-SLOVENJA	LE
IS-SLOVAKKJA	LE
IL-FINLANDJA	IVA
L-IŻVEZJA	IVA

3.1. **Il-Bulgarija**

Awtorizzazzjoni għal servizzi ta' senserija f'oġġetti b'użu doppju hija meħtieġa għal oġġetti b'użu doppju:

1. speċifikati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821, fejn l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba għall-użi speċifikati fl-Artikolu 4(1)(a) u (b) ta' dak ir-Regolament;

2. li mhumiex inklużi fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821, fejn l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba għall-użi speċifikati fl-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament.

(L-Artikolu 34, il-paragrafu 5 tal-Att dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni ta' Prodotti Relatati mad-Difiża u Oġġetti u Teknoloġiji b'Użu Doppju, (emendat - Gazzetta tal-Istat Nru 41/2024, effettiva fl-10.05.2024)).

3.2. **Ir-Repubblika Ċeka**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju jekk l-awtorità kompetenti tinforma lis-sensar li oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament, jew li oġġetti b'użu doppju huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi finali militari msemmija fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament.

(Il-paragrafu 3 tal-Att Nru 594/2004 Coll. "L-Implimentazzjoni tar-Reġim tal-Komunità Ewropea għall-Kontroll tal-Esportazzjonijiet, it-Trasferiment, is-Senserija, u t-Tranżitu ta' Oġġetti b'Użu Doppju (kif emendat)).

3.3. **L-Estonja**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju li għandhom karatteristiċi ta' oġġetti strateġiċi minħabba l-użu finali jew l-utent finali tagħhom, jew kunsiderazzjoni tas-sigurtà pubblika jew tad-drittijiet tal-bniedem, għalkemm ma jkunux iddaħħlu fil-lista ta' oġġetti strateġiċi.

(Il-paragrafu 6(7) tal-Att dwar l-Oġġetti Strateġiċi).

3.4. **L-Irlanda**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament jekk l-oġġetti inkwistjoni huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(L-Att tal-2023 dwar il-Kontroll tal-Esportazzjonijiet, it-Taqsima 14, Obbligi tas-sensar skont l-Artikolu 6, li beda fit-23 ta' Awwissu 2024).

3.5. **Il-Greċja**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju, meta l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi finali militari u għad-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament.

(Il-paragrafu 3.2.3 tad-"Deċiżjoni Ministerjali Nru 121837/e3/21837/28-9-2009").

3.6. **Spanja**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament, meta l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu u destinazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1)(a) u 4(1)(b) tar-Regolament.

(L-Artikolu 2.3.b) tad-Digriet Amministrattiv 679/2014, tal-1 ta' Awwissu 2014 dwar il-kontroll tal-kummerċ barrani f'materjal tad-difiża, materjal ieħor u oġġetti u teknoloġiji b'użu doppju).

3.7. **Il-Kroazja**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament, jekk l-awtorità kompetenti tinforma lis-sensar li oġġetti b'użu doppju huma jew jistgħu jkunu, fl-intier tagħhom jew parzjalment, maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1)(a) u 4(1)(b) tar-Regolament.

(L-Artikolu 6(2) tal-Att dwar il-Kontroll ta' oġġetti b'użu doppju OG 83/2023).

3.8. **L-Italja**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament, meta l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1)(a) jew 4(1)(b) tar-Regolament.

(L-Artikolu 9 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 221/2017 tal-15 ta' Diċembru 2017, fis-seħħ mill-1 ta' Frar 2018).

3.9. **Il-Latvja**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament, meta l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1)(a) jew 4(1)(b) tar-Regolament.

(L-Artikolu 5(7) tal-Liġi dwar iċ-Ċirkolazzjoni ta' Oġġetti Strateġiċi tal-21 ta' Ġunju 2007; Il-Punt 31 tar-Regolament 657 (20.10.2010) Proċeduri għall-Ħruġ jew Rifjut ta' Ħruġ ta' Liċenzja għal Merkanzija ta' Sinifikat Strateġiku u Dokumenti Oħra Relatati maċ-Ċirkolazzjoni ta' Merkanzija ta' Sinifikat Strateġiku).

3.10. **Il-Lussemburgu**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament, meta l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament, u għall-użi finali u d-destinazzjonijiet militari kif imsemmija fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament.

(Il-Liġi tas-27 ta' Ġunju 2018 dwar il-kontroll tal-esportazzjoni, l-Artikolu 42(1)).

3.11. **L-Ungerija**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju elenkati fl-Anness I tar-Regolament, u għal oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament, meta l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe wieħed mill-użi msemmija fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(Il-paragrafu 17.1 tad-Digriet tal-Gvern Nru 13 tal-2011 dwar "l-awtorizzazzjoni tal-kummerċ barrani ta' oġġetti b'użu doppju").

3.12. **In-Netherlands**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament, meta l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament u għal oġġetti b'użu doppju, meta l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali u d-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament.

(L-Artikolu 4 tal-Att dwar is-Servizzi Strateġiċi (Wet Strategische diensten)).

Għandha wkoll tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' 37 sustanza kimika meta d-destinazzjoni tkun l-Iraq, irrispettivament mid-destinatarju speċifiku jew l-utent finali.

(Oġġetti b'Użu Doppju tad-Digriet - Iraq - Regeling goederen voor tweeërlei gebruik Irak).

Għandha tkun meħtieġa wkoll awtorizzazzjoni għas-senserija ta' ċerti oġġetti b'użu doppju li jistgħu jintużaw b'rabta mar-repressjoni interna meta d-destinazzjoni tkun is-Sirja.

(Oġġetti b'Użu Doppju tad-Digriet - Regeling goederen voor tweeërlei gebruik).

3.13. **L-Awstrija**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju jekk l-awtorità kompetenti tinnotifika lis-sensar li l-oġġetti inkwistjoni huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(It-Taqsima 15(1) tal-Att dwar il-Kummerċ Barrani (Außenwirtschaftsgesetz 2011, BGBl. I Nru 26/2011)).

3.14. **Il-Finlandja**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju elenkati fl-Anness I tar-Regolament, jekk is-sensar ikun ġie nnotifikat mill-awtorità kompetenti li l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(Il-paragrafu 6(1) tal-Att Nru 500/2024).

3.15. **L-Iżvezja**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament jekk l-oġġetti inkwistjoni huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(It-Taqsima 4b, il-paragrafu wieħed tal-Ordinanza dwar il-Kontroll tal-Oġġetti b'Użu Doppju u l-Assistenza Teknika (2000:1217)).

4. **INFORMAZZJONI PPROVDUTA MILL-ISTATI MEMBRI FIR-RIGWARD TAL-ARTIKOLU 6(4) TAR-REGOLAMENT (ESTENSJONI TAL-KONTROLLI TA' SENSERIJA)**

L-Artikolu 6(4) flimkien mal-Artikolu 6(5) tar-Regolament jirrikjedi li l-Kummissjoni tippubblika miżuri meħuda mill-Istati Membri li jimponu rekwiżit ta' awtorizzazzjoni fuq is-senserija ta' oġġetti b'użu doppju, jekk is-sensar ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li dawn l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1).

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri u li ġew innotifikati lill-Kummissjoni. Il-miżuri ddettaljati kif innotifikati lill-Kummissjoni huma stipulati immedjatament wara dan.

Stat Membru	Il-kontrolli tas-senserija ġew estiżi fir-rigward tal-Artikolu 6(4)?
IL-BELĠJU	LE
IL-BULGARIA	IVA
IR-REPUBBLIKA ĊEKA	IVA
ID-DANIMARKA	LE
IL-ĠERMANJA	LE
L-ESTONJA	IVA
L-IRLANDA	IVA
IL-GREĊJA	IVA
SPANJA	IVA
FRANZA	LE
IL-KROAZJA	IVA

Stat Membru	Il-kontrolli tas-senserija ġew estiżi fir-rigward tal-Artikolu 6(4)?
L-ITALJA	IVA
ĊIPRU	LE
IL-LATVIJA	IVA
IL-LITWANJA	LE
IL-LUSSEMBURGU	IVA
L-UNGERIJA	IVA
MALTA	LE
IN-NETHERLANDS	IVA
L-AUSTRIJA	IVA
IL-POLONJA	LE
IL-PORTUGALL	LE
IR-RUMANIJA	IVA
IS-SLOVENJA	LE
IS-SLOVAKKJA	LE
IL-FINLANDJA	IVA
L-IŻVEZJA	IVA

4.1. **Il-Bulgarija**

Awtorizzazzjoni għal servizzi ta' senserija b'oġġetti b'użu doppju, kif definit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821, għandha tkun meħtieġa meta s-sensar ikun ġie infurmat minn awtorità ta' kontroll skont l-Artikolu 67(1) li l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, kompletament jew parzjalment, għal kwalunkwe użu speċifikat fl-Artikolu 4(1)(a) u (b) tar-Regolament (UE) 2021/821, kif ukoll f'każijiet fejn is-sensar ikollu raġuni biex jemmen li l-oġġetti b'użu doppju huma jew jistgħu jkunu maħsuba għall-użi speċifikati fl-Artikolu 4(1)(a) u (b) tal-istess Regolament.

(L-Artikolu 47, il-paragrafu 1 tal-Att dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni ta' Prodotti Relatati mad-Difiża u Oġġetti u Teknoloġiji b'Użu Doppju, (emendat - Gazzetta tal-Istat Nru 41/2024, effettiva fl-10.05.2024)).

4.2. **Ir-Repubblika Ċeka**

Jekk sensar ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li l-oġġetti b'użu doppju huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament, is-sensar għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti, li tista' tiddeċiedi li timponi rekwiżit ta' awtorizzazzjoni.

(Il-paragrafu 3(4) tal-Att Nru 594/2004 Coll. "L-implimentazzjoni tar-Reġim tal-Komunità Ewropea għall-Kontroll tal-Esportazzjonijiet, it-Trasferiment, is-Senserija, u t-Tranżitu ta' Oġġetti b'Użu Doppju").

4.3. **L-Estonja**

Jekk sensar ikollu raġunijiet biex jissuspetta li l-oġġetti b'użu doppju huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament, is-sensar għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar Oġġetti Strateġiċi (SGC, Strategic Goods Commission), lill-awtoritajiet tal-pulizija jew lill-awtoritajiet tas-sigurtà immedjatament b'dan. Wara tali notifika, l-SGC tista' tiddeċiedi li timponi rekwiżit ta' awtorizzazzjoni.

(Il-paragrafu 77 tal-Att dwar l-Oġġetti Strateġiċi).

4.4. **L-Irlanda**

Jekk sensar ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li l-oġġetti b'użu doppju huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament, is-sensar għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti, li tista' tiddeċiedi li timponi rekwiżit ta' awtorizzazzjoni.

(L-Att tal-2023 dwar il-Kontroll tal-Esportazzjonijiet, it-Taqsima 14, Obbligi ta' sensar skont l-Artikolu 6, li beda fit-23 ta' Awwissu 2024).

4.5. **Il-Greċja**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju jekk is-sensar ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(Il-paragrafu 3.2.2 tad-Deċiżjoni Ministerjali Nru 121837/e3/21837/28-9-2009).

4.6. **Spanja**

Jekk sensar ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li l-oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament, li għalihom huwa jipproponi servizzi ta' senserija, huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu u destinazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1)(a) u 4(1)(b), huwa għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti, li għandha tiddeċiedi jekk dawn is-servizzi ta' senserija humiex soġġetti għal awtorizzazzjoni jew le.

(L-Artikolu 2.3.c) tad-Digriet Irjali 679/2014, tal-1 ta' Awwissu 2014 dwar il-kontroll tal-kummerċ barrani f'materjal tad-difiża, materjal ieħor u oġġetti u teknoloġiji b'użu doppju).

4.7. **Il-Kroazja**

Jekk sensar ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament, huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1)(a) u 4(1)(b) tar-Regolament, is-sensar għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti, li tista' tiddeċiedi li timponi rekwiżit ta' awtorizzazzjoni.

(L-Artikolu 6, il-paragrafu 3 tal-Att dwar il-Kontroll ta' oġġetti b'użu doppju (OG 83/2023)).

4.8. **L-Italja**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament jekk is-sensar ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(L-Artikolu 9 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 221/2017 tal-15 ta' Diċembru 2017, fis-seħħ mill-1 ta' Frar 2018).

4.9. **Il-Latvja**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament jekk is-sensar ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(L-Artikolu 5(7) u l-Artikolu 17(1) tal-Liġi dwar iċ-Ċirkolazzjoni ta' Merkanzija Strateġika tal-21 ta' Ġunju 2007; Il-punt 31 tar-Regolament 657 (20.10.2010) Proċeduri għall-Ħruġ jew Rifjut ta' Ħruġ ta' Liċenzja għal Merkanzija ta' Sinifikat Strateġiku u Dokumenti Oħra Relatati maċ-Ċirkolazzjoni ta' Merkanzija ta' Sinifikat Strateġiku).

4.10. **Il-Lussemburgu**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament jekk is-sensar ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(Il-Liġi tas-27 ta' Ġunju 2018 dwar il-kontroll tal-esportazzjoni, l-Artikolu 42(2)).

4.11. **L-Ungerija**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju jekk is-sensar ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(Il-paragrafu 17(2) tad-Digriet tal-Gvern Nru 13 tal-2011 "dwar l-awtorizzazzjoni tal-kummerċ barrani ta' oġġetti b'użu doppju").

4.12. **In-Netherlands**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju elenkati meta l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(L-Artikolu 4(5) tal-Att dwar is-Servizzi Strateġiċi (Wet strategische diensten)).

4.13. **L-Awstrija**

Jekk sensar ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li l-oġġetti b'użu doppju huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament, is-sensar għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti, li tista' tiddeċiedi li timponi rekwiżit ta' awtorizzazzjoni.

(It-Taqsima 5 tal-Ewwel Regolament dwar il-Kummerċ Barrani tal-2011 (Erste Außenwirtschaftsverordnung 2011), BGBl. II Nru 343/2011, ippubblikat fit-28 ta' Ottubru 2011).

4.14. **Ir-Rumanija**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju jekk is-sensar ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(L-Artikolu 15(3) tal-GO 43/2022 dwar ir-reġim ta' kontroll għall-operazzjonijiet li jikkonċernaw oġġetti b'użu doppju).

4.15. **Il-Finlandja**

Jekk sensar ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li l-oġġetti b'użu doppju huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament, is-sensar għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti, li tista' tiddeċiedi li timponi rekwiżit ta' awtorizzazzjoni.

(Il-paragrafu 5(2) tal-Att Nru 500/2024).

4.16. **L-Iżvezja**

Jekk sensar ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li l-oġġetti b'użu doppju huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament, is-sensar għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti, li tista' tiddeċiedi li timponi rekwiżit ta' awtorizzazzjoni.

(It-Taqsima 4b, il-paragrafu tnejn tal-Ordinanza dwar il-Kontroll tal-Oġġetti b'Użu Doppju u l-Assistenza Teknika (2000:1217)).

5. **INFORMAZZJONI PPROVDUTA MILL-ISTATI MEMBRI FIR-RIGWARD TAL-ARTIKOLU 7(3) TAR-REGOLAMENT (ESTENSJONI TAL-KONTROLLI TAT-TRANSITU)**

L-Artikolu 7(3) flimkien mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament jirrikjedi li l-Kummissjoni tippubblika miżuri meħuda mill-Istati Membri sabiex jestendu l-applikazzjoni tal-Artikolu 7(1) għal oġġetti b'użu doppju mhux elenkati.

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri kif notifikati lill-Kummissjoni. Id-dettalji dwar il-miżuri huma pprovduti aktar 'il quddiem.

Stat Membru	Id-dispożizzjonijiet dwar il-kontroll tat-tranżitu stipulati fl-Artikolu 7(1) ġew estiżi abbażi tal-Artikolu 7(3)?
IL-BELĠJU	Parzjalment IVA
IL-BULGARIA	LE
IR-REPUBBLIKA ĊEKA	IVA

Stat Membru	Id-dispożizzjonijiet dwar il-kontroll tat-tranżitu stipulati fl-Artikolu 7(1) ġew estiżi abbażi tal-Artikolu 7(3)?
ID-DANIMARKA	LE
IL-ĠERMANJA	LE
L-ESTONJA	IVA
L-IRLANDA	IVA
IL-GREĊJA	IVA
SPANJA	IVA
FRANZA	IVA
IL-KROAZJA	IVA
L-ITALJA	IVA
ĊIPRU	LE
IL-LATVIJA	IVA
IL-LITWANJA	IVA
IL-LUSSEMBURGU	IVA
L-UNGERIJA	IVA
MALTA	LE
IN-NETHERLANDS	IVA
L-AUSTRIJA	IVA
IL-POLONJA	LE
IL-PORTUGALL	LE
IR-RUMANIJA	LE
IS-SLOVENJA	LE
IS-SLOVAKKJA	LE
IL-FINLANDJA	IVA
L-IŻVEZJA	IVA

5.1. **Il-Belġju**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtoritajiet kompetenti, fir-Reġjun Fjamming u fir-Reġjun ta' Wallonia, jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament.

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtoritajiet kompetenti, fir-Reġjun Fjamming u fir-Reġjun ta' Wallonia, jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali u d-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament.

(L-Artikolu 3, §3, tad-Digriet tal-Gvern Fjamming tad-19 ta' Diċembru 2025 li jirregola l-esportazzjoni, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju u l-għoti ta' assistenza teknika (Gazzetta Uffiċjali Belġjana tas-26 ta' Jannar 2026; l-Artikolu 5 u 6 tad-Digriet tal-Gvern tal-Wallonia tas-6 ta' Frar 2014 li jirregola l-esportazzjoni, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju (il-Gazzetta Uffiċjali Belġjana tad-19.02.2014).

5.2. **Ir-Repubblika Ċeka**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament.

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali militari u għad-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament.

(Il-paragrafu 13b tal-Att Nru 594/2004 Coll. "L-implimentazzjoni tar-Reġim tal-Komunità Ewropea għall-Kontroll tal-Esportazzjonijiet, it-Trasferiment, is-Senserija, u t-Tranżitu ta' Oġġetti b'Użu Doppju" (1)).

5.3. **L-Estonja**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament.

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali militari u għad-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament.

(Il-paragrafi 3, 6 u 7 tal-Att dwar l-Oġġetti Strateġiċi (SGA, Strategic Goods Act)).

5.4. **L-Irlanda**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament.

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali militari u għad-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament.

(L-Att tal-2023 dwar il-Kontroll tal-Esportazzjonijiet, it-Taqsima 18-19, li beda fit-23 ta' Awwissu 2024).

5.5. **Il-Greċja**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament.

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali militari u għad-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament.

(Il-paragrafu 3.3.3 tad-Deċiżjoni Ministerjali Nru 121837/e3/21837/28-9-2009).

5.6. **Spanja**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament.

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali militari u għad-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament

(L-Artikolu 11 tal-Att 53/2007 tat-28 ta' Diċembru, dwar il-kontroll tal-kummerċ estern fuq materjal ta' difiża u użu doppju).

5.7. **Franza**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament.

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali militari u għad-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament.

(L-Artikolu 3(I) tad-Digriet Nru 2020-74 tal-31 ta' Jannar 2020, kif emendat bid-Digriet Nru 2020-1481 tat-30 ta' Novembru 2020).

5.8. **Il-Kroazja**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament.

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali militari u għad-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament.

(L-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 8(3) tal-Att dwar il-Kontroll ta' oġġetti b'użu doppju OG 83/2023).

5.9. **L-Italja**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament.

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali militari u għad-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament.

(L-Artikolu 7 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 221/2017 tal-15 ta' Diċembru 2017, fis-seħħ mill-1 ta' Frar 2018).

5.10. **Il-Latvja**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament.

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali militari u għad-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament.

(L-Artikolu 5(7) tal-Liġi dwar iċ-Ċirkolazzjoni ta' Oġġetti Strateġiċi tal-21 ta' Ġunju 2007; Il-punt 31 tar-Regolament 657 (20.10.2010) Proċeduri għall-Ħruġ jew Rifjut ta' Ħruġ ta' Liċenzja għal Merkanzija ta' Sinifikat Strateġiku u Dokumenti Oħra Relatati maċ-Ċirkolazzjoni ta' Merkanzija ta' Sinifikat Strateġiku).

5.11. **Il-Litwanja**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(Il-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar il-Kontroll ta' Oġġetti Strateġiċi Nru XIV-1738 tat-22 ta' Diċembru 2022).

5.12. **Il-Lussemburgu**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament.

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali militari u għad-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament.

(Il-Liġi tas-27 ta' Ġunju 2018 dwar il-kontroll tal-esportazzjoni, l-Artikolu 43(2)).

Dawn id-dispożizzjonijiet ma għandhomx japplikaw għat-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mibgħuta mingħajr trasbord jew bidla fil-mezz ta' trasport (l-ebda trasbord jew bidla fit-trasferiment ma għandhom jitqiesu bħala r-rilaxx, għall-finijiet li tiġi żgurata l-merkanzija, ta' oġġetti fuq vapur jew inġenju tal-ajru, sakemm tali oġġetti jiġu imbarkati mill-ġdid fuq l-istess vapur jew inġenju tal-ajru), u għat-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju li għalihom diġà hemm awtorizzazzjoni ġenerali ta' esportazzjoni mill-Unjoni Ewropea.

(Il-Liġi tas-27 ta' Ġunju 2018 dwar il-kontroll tal-esportazzjoni, l-Artikolu 43(3)).

5.13. **L-Ungerija**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(Il-paragrafu 18 tad-Digriet tal-Gvern Nru 13 tal-2011 "dwar l-awtorizzazzjoni tal-kummerċ barrani għal oġġetti b'użu doppju").

5.14. **In-Netherlands**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament.

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali militari u għad-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament.

(L-Artikolu 4a(1) u l-Artikolu 2 tad-Digriet dwar l-Oġġetti Strateġiċi (Besluit strategische goederen)).

5.15. **L-Awstrija**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(It-Taqsima 15 tal-Att dwar il-Kummerċ Barrani tal-2011 (Außenwirtschaftsgesetz 2011, BGBl. I Nru 26/2011).

5.16. **Il-Finlandja**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(Il-paragrafu 6(2) tal-Att Nru 500/2024).

5.17. **L-Iżvezja**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(It-Taqsima 4c tal-Ordinanza dwar il-Kontroll tal-Oġġetti b'Użu Doppju u l-Assistenza Teknika (2000:1217)).

6. **INFORMAZZJONI PPROVDUTA MILL-ISTATI MEMBRI FIR-RIGWARD TAL-ARTIKOLU 8(4) TAR-REGOLAMENT (ESTENSJONI TAL-ASSISTENZA TEKNIKA)**

L-Artikolu 8(4) tar-Regolament jistabbilixxi li Stat Membru jista' jattendi l-applikazzjoni ta' rekwiżit ta' awtorizzazzjoni għall-forniment ta' assistenza teknika relatata ma' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I jekk il-fornitur ta' assistenza teknika kien infurmat mill-awtorità kompetenti li l-oġġetti inkwistjoni huma jew jistgħu jkunu intenzjonati, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1).

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri kif notifikati lill-Kummissjoni. Id-dettalji dwar il-miżuri huma pprovduti aktar 'il quddiem.

Stat Membru	L-Istat Membru adotta leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 8(4)?
IL-BELĠJU	Parzjalment IVA
IL-BULGARIA	LE
IR-REPUBBLIKA ĊEKA	LE
ID-DANIMARKA	LE
IL-ĠERMANJA	LE
L-ESTONJA	LE
L-IRLANDA	IVA
IL-GREĊJA	LE
SPANJA	LE
FRANZA	LE
IL-KROAZJA	IVA

Stat Membru	L-Istat Membru adotta leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 8(4)?
L-ITALJA	IVA
ĊIPRU	LE
IL-LATVIJA	LE
IL-LITWANJA	LE
IL-LUSSEMBURGU	LE
L-UNGERIJA	IVA
MALTA	LE
IN-NETHERLANDS	IVA
L-AUSTRIJA	LE
IL-POLONJA	LE
IL-PORTUGALL	LE
IR-RUMANIJA	LE
IS-SLOVENJA	LE
IS-SLOVAKKJA	LE
IL-FINLANDJA	LE
L-IŻVEZJA	IVA

6.1. **Il-Belġju**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni fir-Reġjun Fjamming, għall-forniment ta' assistenza teknika relatata ma' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament jekk il-fornitur ta' assistenza teknika kien infurmat mill-awtorità kompetenti li l-oġġetti inkwistjoni huma jew jistgħu jkunu intenzjonati, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(L-Artikolu 3, §2, tad-Digriet tal-Gvern Fjamming tad-19 ta' Diċembru 2025 li jirregola l-esportazzjoni, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju u l-għoti ta' assistenza teknika (Gazzetta Uffiċjali Belġjana tas-26 ta' Jannar 2026).

6.2. **L-Irlanda**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għall-forniment ta' assistenza teknika relatata ma' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament jekk il-fornitur ta' assistenza teknika kien infurmat mill-awtorità kompetenti li l-oġġetti inkwistjoni huma jew jistgħu jkunu intenzjonati, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(L-Att tal-2023 dwar il-Kontroll tal-Esportazzjonijiet, it-Taqsima 16, Obbligi tal-fornitur ta' assistenza teknika skont l-Artikolu 8, li beda fit-23 ta' Awwissu 2024).

6.3. **Il-Kroazja**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għall-forniment ta' assistenza teknika relatata ma' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament jekk il-fornitur ta' assistenza teknika kien infurmat mill-awtorità kompetenti li l-oġġetti inkwistjoni huma jew jistgħu jkunu intenzjonati, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(L-Artikolu 7(2) tal-Att dwar il-Kontroll ta' oġġetti b'użu doppju OG 83/2023).

6.4. **L-Italja**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għall-forniment ta' assistenza teknika relatata ma' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament jekk il-fornitur ta' assistenza teknika kien infurmat mill-awtorità kompetenti li l-oġġetti inkwistjoni huma jew jistgħu jkunu intenzjonati, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(L-Artikoli 3 u 9 tad-Digriet Leġiżlattiv tal-15 ta' Diċembru 2017 Nru 221, kif emendat bil-Liġi tal-10 ta' Awwissu 2023 Nru 103).

6.5. **L-Ungerija**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għall-forniment ta' assistenza teknika relatata ma' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament jekk il-fornitur ta' assistenza teknika kien infurmat mill-awtorità kompetenti li l-oġġetti inkwistjoni huma jew jistgħu jkunu intenzjonati, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(Il-paragrafu 20 tad-Digriet tal-Gvern Nru 13 tal-2011 "dwar l-awtorizzazzjoni tal-kummerċ barrani għal oġġetti b'użu doppju").

6.6. **In-Netherlands**

L-għoti ta' assistenza teknika huwa pprojbit għall-użu b'konnessjoni mal-iżvilupp, il-produzzjoni, l-immaniġġjar, it-tħaddim, il-manutenzjoni, il-ħażna, id-detezzjoni, l-identifikazzjoni jew it-tixrid ta' armi kimiċi, bijoloġiċi jew nukleari jew apparati splussivi nukleari oħra, jew l-iżvilupp, il-produzzjoni, il-manutenzjoni jew il-ħażna ta' missili kapaċi li jwasslu dawn l-armi.

(L-Artikolu 3, is-Subartikolu 1, tal-Att dwar is-Servizzi Strateġiċi - Wet Strategische Diensten).

6.7. **L-Iżvezja**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għall-forniment ta' assistenza teknika relatata ma' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament jekk il-fornitur ta' assistenza teknika kien infurmat mill-awtorità kompetenti li l-oġġetti inkwistjoni huma jew jistgħu jkunu intenzjonati, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(It-Taqsima 4b, il-paragrafu wieħed tal-Ordinanza dwar il-Kontroll tal-Oġġetti b'Użu Doppju u l-Assistenza Teknika (2000:1217)).

7. **INFORMAZZJONI PPROVDUTA MILL-ISTATI MEMBRI FIR-RIGWARD TAL-ARTIKOLU 8(5) TAR-REGOLAMENT (ASSISTENZA TEKNIKA)**

Skont l-Artikolu 8(5), Stat Membru jista' jadotta jew iżomm leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi rekwiżit ta' awtorizzazzjoni għall-forniment ta' assistenza teknika jekk fornitur ta' assistenza teknika li jipproponi li jforni assistenza teknika għal oġġetti b'użu doppju għandu raġunijiet biex jissuspetta li dawk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu intenzjonati għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1).

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri kif notifikati lill-Kummissjoni. Id-dettalji dwar il-miżuri huma pprovduti aktar 'il quddiem.

Stat Membru	L-Istat Membru adotta leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 8(5)?
IL-BELĠJU	Parzjalment IVA
IL-BULGARIA	LE
IR-REPUBBLIKA ĊEKA	LE
ID-DANIMARKA	LE
IL-ĠERMANJA	LE
L-ESTONJA	LE
L-IRLANDA	IVA
IL-GREĊJA	LE
SPANJA	LE

Stat Membru	L-Istat Membru adotta leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 8(5)?
FRANZA	LE
IL-KROAZJA	IVA
L-ITALJA	IVA
ĊIPRU	LE
IL-LATVIJA	LE
IL-LITWANJA	LE
IL-LUSSEMBURGU	LE
L-UNGERIJA	IVA
MALTA	LE
IN-NETHERLANDS	LE
L-AUSTRIJA	LE
IL-POLONJA	LE
IL-PORTUGALL	LE
IR-RUMANIJA	LE
IS-SLOVENJA	LE
IS-SLOVAKKJA	LE
IL-FINLANDJA	LE
L-IŻVEZJA	IVA

7.1. **Il-Belġju**

Jekk fornitur ta' assistenza teknika jkollu raġunijiet biex jissuspetta li oġġetti b'użu doppju li jipproponi li jipprovdi assistenza teknika għalihom, huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal xi wieħed mill-użi msemmija fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament, għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni fir-Reġjun Fjamming.

L-Artikolu 3, §1, 3°, tad-Digriet tal-Gvern Fjamming tad-19 ta' Diċembru 2025 li jirregola l-esportazzjoni, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju u l-għoti ta' assistenza teknika (Gazzetta Uffiċjali Belġjana tas-26 ta' Jannar 2026).

7.2. **L-Irlanda**

Jekk fornitur ta' assistenza teknika ikollu raġunijiet biex jissuspetta li l-oġġetti b'użu doppju li qed jipproponi li jipprovdi assistenza teknika għalihom, huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament, il-fornitur ta' assistenza teknika għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti, li tista' tiddeċiedi li timponi rekwiżit ta' awtorizzazzjoni.

(L-Att tal-2023 dwar il-Kontroll tal-Esportazzjonijiet, it-Taqsima 16, Obbligi tal-fornitur ta' assistenza teknika skont l-Artikolu 8, li beda fit-23 ta' Awwissu 2024).

7.3. **Il-Kroazja**

Jekk fornitur ta' assistenza teknika ikollu raġunijiet biex jissuspetta li l-oġġetti b'użu doppju li qed jipproponi li jipprovdi assistenza teknika għalihom, huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament, il-fornitur ta' assistenza teknika għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti, li tista' tiddeċiedi li timponi rekwiżit ta' awtorizzazzjoni.

(L-Artikolu 7(3) tal-Att dwar il-Kontroll ta' oġġetti b'użu doppju OG 83/2023).

7.4. **L-Italja**

Jekk fornitur ta' assistenza teknika ikollu raġunijiet biex jissuspetta li l-oġġetti b'użu doppju li qed jipproponi li jipprovdi assistenza teknika għalihom, huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament, il-fornitur ta' assistenza teknika għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti, li tista' tiddeċiedi li timponi rekwiżit ta' awtorizzazzjoni.

(L-Artikoli 3 u 9 tad-Digriet Leġiżlattiv tal-15 ta' Diċembru 2017 Nru 221, kif emendat bil-Liġi tal-10 ta' Awwissu 2023 Nru 103).

7.5. **L-Ungerija**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għall-għoti ta' assistenza teknika relatata ma' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament jekk il-fornitur tal-assistenza teknika jkollu raġunijiet biex jissuspetta li l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal xi wieħed mill-użi msemmija fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(Il-paragrafu 20 tad-Digriet tal-Gvern Nru 13 tal-2011 "dwar l-awtorizzazzjoni tal-kummerċ barrani għal oġġetti b'użu doppju").

7.6. **L-Iżvezja**

Jekk fornitur ta' assistenza teknika ikollu raġunijiet biex jissuspetta li l-oġġetti b'użu doppju li qed jipproponi li jipprovdi assistenza teknika għalihom, huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament, il-fornitur ta' assistenza teknika għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti, li tista' tiddeċiedi li timponi rekwiżit ta' awtorizzazzjoni.

(It-Taqsima 4d, il-paragrafu tnejn tal-Ordinanza dwar il-Kontroll ta' Oġġetti b'Użu Doppju u Assistenza Teknika (2000:1217)).

8. **INFORMAZZJONI MOGĦTIJA MILL-ISTATI MEMBRI FIR-RIGWARD TAL-ARTIKOLU 9 TAR-REGOLAMENT (ESTENSJONI TA' KONTROLLI GĦAL OĠĠETTI MHUX ELENKATI GĦAL RAĠUNIJIET TA' SIGURTÀ PUBBLIKA JEW MINĦABBA KUNSIDERAZZJONIJIET TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM)**

L-Artikolu 9(4) tar-Regolament jirrikjedi li l-Kummissjoni tippubblika miżuri meħuda mill-Istati Membri li jipprojbixxu jew li jimponu rekwiżit ta' awtorizzazzjoni fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika, inkluż il-prevenzjoni ta' atti ta' terroriżmu, jew għal kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri kif notifikati lill-Kummissjoni. Id-dettalji dwar il-miżuri huma pprovduti aktar 'il quddiem.

Stat Membru	Ġew implimentati kontrolli addizzjonali dwar oġġetti mhux elenkati għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika, inkluża l-prevenzjoni ta' atti ta' terroriżmu, jew għal kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fl-applikazzjoni tal-Artikolu 9(1)?
IL-BELĠJU	LE
IL-BULGARIA	IVA
IR-REPUBBLIKA ĊEKA	IVA
ID-DANIMARKA	IVA
IL-ĠERMANJA	IVA
L-ESTONJA	IVA
L-IRLANDA	IVA
IL-GREĊJA	LE
SPANJA	IVA
FRANZA	IVA
IL-KROAZJA	LE
L-ITALJA	IVA
ĊIPRU	LE

Stat Membru	Ġew implimentati kontrolli addizzjonali dwar oġġetti mhux elenkati għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika, inkluża l-prevenzjoni ta' atti ta' terroriżmu, jew għal kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fl-applikazzjoni tal-Artikolu 9(1)?
IL-LATVIJA	IVA
IL-LITWANJA	IVA
IL-LUSSEMBURGU	IVA
L-UNGERIJA	IVA
MALTA	LE
IN-NETHERLANDS	IVA
L-AUSTRIJA	IVA
IL-POLONJA	LE
IL-PORTUGALL	LE
IR-RUMANIJA	IVA
IS-SLOVENJA	IVA
IS-SLOVAKKJA	LE
IL-FINLANDJA	IVA
L-IŻVEZJA	IVA

8.1. **Il-Bulgarija**

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I għar-Regolament tista' tkun soġġetta għal reġim ta' liċenzjar jew ipprojbita minn att tal-Kunsill tal-Ministri għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

(L-Artikolu 34, il-paragrafu. 1 tal-Att dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni ta' Prodotti Relatati mad-Difiża u Oġġetti u Teknoloġiji b'Użu Doppju, (emendat - Gazzetta tal-Istat Nru 41/2024, effettiva fl-10.05.2024)).

8.2. **Ir-Repubblika Ċeka**

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament tista' tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni jew ipprojbita, minn Ordni tal-Gvern, għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew minħabba kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

(Il-paragrafu 3(1)(d) tal-Att Nru 594/2004 Coll).

8.3 **Id-Danimarka**

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament tista' tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni jew ipprojbita, permezz ta' ordni amministrattiva, għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew konsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. Dan huwa skont l-Artikolu 1, nru 6, fl-Att Nazzjonali konsolidat nru 635 tad-09/06/2011 b'aktar emendi.

8.4. **Il-Ġermanja**

a. **It-Taqsima 8(1) Nru 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummerċ u l-Pagamenti Barranin (*Aussenwirtschaftsverordnung* – AWV) b'rabta mal-Parti I tat-Taqsima B tal-Lista Ġermaniża ta' Kontroll tal-Esportazzjoni**

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament tista' tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni jew ipprojbita għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew minħabba kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

(It-Taqsima 8(1) Nru 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummerċ u l-Pagamenti Barranin (*Aussenwirtschaftsverordnung* – AWV) b'rabta mal-Parti I tat-Taqsima B tal-Lista Ġermaniża ta' Kontroll tal-Esportazzjoni.

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament hija soġġetta għal awtorizzazzjoni jekk l-oġġetti huma elenkati fil-Parti I tat-Taqsima B tal-Lista ta' Kontroll Ġermaniża tal-Esportazzjoni.

(It-Taqsima 8(1) Nru 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummerċ u l-Pagamenti Barranin (*Aussenwirtschaftsverordnung* - AWV)).

Il-Parti I, it-Taqsima B tal-Lista Ġermaniża ta' Kontroll tal-Esportazzjoni tinkludi l-oġġetti li ġejjin:

— **1E901** "Teknoloġija" skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija, għajr dik speċifikata f'1E001 jew 1E101 fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2021/821 kif emendat, għall-"iżvilupp" jew il-"produzzjoni" ta' fowms tal-polimetakrilimide, jekk id-destinazzjoni tkun barra t-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra ż-żoni elenkati fl-Anness II Parti 2 Taqsima A tar-Regolament (UE) 2021/821.

— **2B952** Tagħmir li jista' jintuża fl-immaniġġjar ta' materjal bijoloġiku, għajr dak ikkontrollat permezz ta' 2B352 fil-qafas tar-Regolament (UE) 2021/821 kif emendat, jekk il-pajjiż li qiegħed jixtri jew il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun l-Iran jew il-Korea ta' Fuq:

(a) fermentaturi li kapaċi jikkoltivaw "mikroorganiżmi" patoġeniċi jew vajrus, jew li kapaċi jipproduċu tossini, mingħajr il-propagazzjoni ta' aerosols u li għandhom kapaċità totali ta' 10 litri jew aktar;

(b) aġitaturi għall-fermentaturi kkontrollati minn 2B352(a) fil-qafas tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/821 kif emendat.

Nota teknika:

Il-fermentaturi jinkludu bijoreatturi, kimostati u sistemi ta' fluss kontinwu.

— **2B993** Tagħmir għad-depożizzjoni ta' kisi metalliku għal sottostrati nonelettroniċi kif ġej, u komponenti u aċċessorji ddiżinjati apposta għal dawn, jekk il-pajjiż li qiegħed jixtri jew il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun l-Iran:

(a) tagħmir tal-produzzjoni għad-depożizzjoni kimika tal-fwar (CVD, chemical vapour deposition);

(b) tagħmir għal produzzjoni għad-depożizzjoni tal-fwar permezz ta' raġġ ta' elettroni (EB-PVD, electron beam physical vapour deposition);

(c) tagħmir tal-produzzjoni għad-depożizzjoni permezz tat-tisħin induttiv jew bir-reżistenza.

— **3A1901a15** Ċirkwiti integrati komplementari b'Semikondutturi tal-Ossidu tal-Metall (CMOS, Complementary Metal Oxide Semiconductor), mhux speċifikati fi 3A001a2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821 kif emendat, iddisinjati biex jaħdmu f'temperatura ambjentali ta' 4,5 K (- 268,65 C) jew inqas (aħjar), fejn id-destinazzjoni tkun barra t-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra t-territorji elenkati fil-Parti 2 tat-Taqsima A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821.

Nota Teknika:

Għall-finijiet ta' 3A1901a15, iċ-ċirkwiti integrati CMOS jissejħu wkoll CMOS krijoġeniċi jew ċirkwiti integrati krijoġeniċi.

— **3A1901b13** Amplifikaturi parametriċi tas-sinjali, fejn id-destinazzjoni tkun barra t-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra t-territorji elenkati fil-Parti 2 tat-Taqsima A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821, li għandhom dan kollu li ġej:

(a) Iddisinjati għal tħaddim f'temperatura tal-ambjent inqas minn 1 K (- 272,15°C);

(b) Iddisinjati għal tħaddim fi kwalunkwe frekwenza minn 2 GHz sa u inkluż 15 GHz; kif ukoll

(c) Figura tal-istorbju ta' inqas (aħjar) minn 0.015 dB fi kwalunkwe frekwenza minn 2 GHz sa u inkluż 15 GHz f'1 K (- 272,15 C).

Nota: 3A1901b13 tinkludi Amplifikaturi Parametriċi tal-Mewġa tal-Ivvjaġġar (TWPAs, Travelling Wave Parametric Amplifiers).

Nota Teknika:

Għall-finijiet ta' 3A1901b13, amplifikaturi parametriċi tas-sinjali jistgħu jissejħu wkoll amplifikaturi bi Quantum Limited Amplifiers (QLAs, Quantum Limited Amplifiers).

— **3A1904** Sistemi u komponenti ta' tkessiħ krijoġeniku, fejn id-destinazzjoni tkun barra t-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra t-territorji elenkati fil-Parti 2 tat-Taqsima A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821, kif ġej:

(a) Sistemi previsti li jipprovdu potenza ta' tkessiħ akbar minn jew ugwali għal 600 µW f'temperatura ta' 0,1 K (- 273,05 °C) jew inqas għal perjodu ta' aktar minn 48 siegħa;

(b) Sistemi ta' tkessiħ krijoġeniċi tal-polz b'żewġ stadji kklassifikati biex iżommu temperatura taħt l-4 K (- 269,15° C) u jipprovdu qawwa ta' tkessiħ akbar minn jew ugwali għal 1.5 W f'temperatura ta' 4.2 K (- 268,95°C) jew inqas.

— **3B1901k** Tagħmir iddisinjat għall-inċiżjoni fin-niexef, fejn id-destinazzjoni tkun barra t-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra t-territorji elenkati fil-Parti 2 tat-Taqsima A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821 li jkollu xi wieħed minn dan li ġej:

(a) Tagħmir iddisinjat jew modifikat għall-inċiżjoni iżotropika fin-niexef, li għandu "selettività tal-etch tal-ġermanju għas-siliċju (SiGe:Si, silicon germanium-to-silicon)" akbar minn jew ugwali għal 100:1; jew

(b) Tagħmir iddisinjat jew modifikat għall-inċiżjoni anisotropika fin-niexef, li għandu l-karatteristiċi kollha li ġejjin:

1. Sors(i) tal-enerġija tal-Frekwenza tar-Radju (RF, Radio Frequency) b'mill-inqas output RF wieħed bl-impulsi;

2. Valv(i) veloċi tal-iswiċċ tal-gass b'ħin ta' bdil ta' inqas minn 300 millisekonda; kif ukoll

3. Mandrin tat-torn elettrostatiku b'20 element ta' temperatura varjabbli kontrollabbli individwalment jew aktar.

Nota 1: 3B1901k jinkludi inċiżjoni permezz ta' "radikali", joni, reazzjonijiet sekwenzjali, jew reazzjoni mhux sekwenzjali.

Nota 2: 3B1901k jinkludu l-inċiżjoni:

a) L-użu ta' plażma eċċitata minn RF Pulse,

b) L-użu ta' plażma eċċitata b'ċiklu doppju bl-impulsi,

c) L-użu ta' plażma modifikata b'vultaġġ bl-impulsi fuq l-elettrodi,

d) Injezzjoni ċiklika u tindif ta' gassijiet ikkombinati ma' inċiżjoni ta' plażma,

e) Saff atomiku tal-plażma jew

f) Inċiżjoni kważi-atomiku tal-plażma.

Nota Teknika:

1. Għall-finijiet ta' 3B1901k, "is-selettività tal-inċiżjoni tal-ġermanju tas-silikon għal silikon (SiGe:Si)" hija mkejla għal konċentrazzjoni ta' Ge ta' 30 % jew akbar (Si0.70 Ge 0.30).

2. Għall-finijiet ta' 3B1901k, "radikali" huwa definit bħala atomu, molekula, jew jon li għandu elettron diżakkoppjat f'konfigurazzjoni ta' qafas elettroniku miftuħ.

— **3B1903** Mikroskopju tal-Elettroni tal-Iskennjar (SEM, Scanning Electron Microscope), tagħmir iddisinjat għall-immaġni ta' apparat semikonduttur jew ċirkwiti integrati, fejn id-destinazzjoni tkun barra t-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra t-territorji elenkati fil-Parti 2 tat-Taqsima A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821, li għandu dan kollu li ġej:

(a) Preċiżjoni tat-tqegħid fi stadju ta' inqas (aħjar) minn 30 nm;

(b) Preċiżjoni tal-pożizzjonament fi stadju li saret permezz tal-interferometrija bil-laser;

(c) Kalibrazzjoni tal-pożizzjoni fil-Kamp Viżiv (FOW, Field Of View) ibbażata fuq kejl ta' skala ta' tul permezz ta' interferometru bil-laser;

(d) Jiġbor u jaħżen immaġnijiet b'aktar minn 200 000 000 pixels;

(e) Trikkib tal-kamp viżiv ta' inqas minn 5 % f'direzzjonijiet vertikali u orizzontali;

(f) Trikkib tal-ħjata ta' FOV inqas minn 50 nm; u

(g) Voltaġġ ta' aċċellerazzjoni ta' aktar minn 21 kV.

Nota: 3B1903 tinkludi tagħmir SEM iddisinjat għall-irkupru tad-disinn taċ-ċipep

— **3B1904** Tagħmir krijoġeniku għas-sejbien tal-wejfers, fejn id-destinazzjoni tkun barra t-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra t-territorji elenkati fil-Parti 2 tat-Taqsima A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821, li jkollu dan kollu li ġej:

(a) Iddisinjat sabiex jaħdem f'temperatura inqas minn jew ugwali għal 4,5 K (- 268,65 °C); Kif ukoll

(b) Iddisinjat sabiex jakkomoda dijametri tal-wejfers akbar minn jew ugwali għal 100 mm.

— **3D1902** "Software" iddisinjat apposta għall-"użu" tat-tagħmir speċifikat fi 3B1901k

— **3D1907** "Software" iddisinjat għall-estrazzjoni tal-"GDSII" jew data ta' tqassim standard ekwivalenti u għat-twettiq ta' allinjament bejn saffi minn immaġnijiet ta' Mikroskopju bl-Elettroni tal-Iskennjar (SEM, Scanning Electron Microscope), u li jiġġenera data "GDSII" b'diversi saffi jew netlist taċ-ċirkwit

— **3E1901** "Teknoloġija" skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall- "iżvilupp" jew il-"produzzjoni" ta' tagħmir speċifikat fi 3A1901b13, 3A1904, 3B1901k, 3B1903 jew 3B1904, fejn id-destinazzjoni tkun barra t-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra t-territorji elenkati fil-Parti 2 tat-Taqsima A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821.

— **3E1902** "Teknoloġija" minbarra dik speċifikata fi 3E001 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821, kif emendat, skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-"iżvilupp" jew il-"produzzjoni" ta' tagħmir speċifikat fi 3A1901a15, fejn id-destinazzjoni tkun barra t-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra t-territorji elenkati fil-Parti 2 tat-Taqsima A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821

Nota 1: 3E1902 tinkludi "riċetti ta' proċess".

Nota 2: 3E1902 ma tapplikax għal Kits tal-Proċess tad-Disinn ("PDKs", Process Design Kits), sakemm ma jinkludux libreriji li jimplimentaw funzjonijiet jew teknoloġiji għall-oġġetti speċifikati minn 3A001 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821 kif emendat.

Nota Teknika 1:

"riċetta tal-proċess" hija sett ta' kundizzjonijiet u parametri għal pass partikolari tal-proċess.

Nota Teknika 2:

"Kit tal-Proċess tad-Disinn" ("PDK") huwa għodda tas-softwer ipprovduta minn fabbrikant tas-semikondutturi biex jassigura li r-regoli u l-prattiki tad-disinn meħtieġ huma kkunsidrati biex wieħed jipproduċi b'suċċess disinn taċ-ċirkwiti integrati speċifiċi fi proċess speċifiku ta' semikonduttur, skont il-limiti tal-manifattura u dawk teknoloġiċi (kull proċess tal-manifattura tas-semikondutturi partikolari għandu l-"PDK" partikolari tiegħu)

— **3E1905** "Teknoloġija" skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-"iżvilupp" jew il-"produzzjoni" ta' ċirkwiti jew apparati integrati li jużaw strutturi ta' "Tranżister b'Effett ta' Kamp Gate-All-Around" ("GAAFET", Gate all-around Field-Effect Transistor), fejn id-destinazzjoni tkun barra t-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra t-territorji elenkati fil-Parti 2 tat-Taqsima A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821

Nota 1: 3E1905 tinkludi "riċetti ta' proċess".

Nota 2: 3E1905 ma tapplikax għall-kwalifika jew il-manutenzjoni tal-għodda.

Nota 3: 3E1905 ma tapplikax għal Kits tal-Proċess tad-Disinn ("PDKs"), sakemm ma jinkludux libreriji li jimplimentaw funzjonijiet jew teknoloġiji għall-oġġetti speċifikati minn 3A001 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821 kif emendat.

Nota Teknika 1:

"riċetta ta' proċess" hija sett ta' kundizzjonijiet u parametri għal pass partikolari ta' proċess.

Nota Teknika 2:

"Kit tal-Proċess tad-Disinn" ("PDK") huwa għodda tas-software pprovduta minn fabbrikant tas-semikondutturi biex jassigura li r-regoli u l-prattiki tad-disinn meħtieġ huma kkunsidrati biex wieħed jipproduċi b'suċċess disinn taċ-ċirkwiti integrati speċifiċi fi proċess speċifiku ta' semikonduttur, skont il-limiti tal-manifattura u dawk teknoloġiċi (kull proċess tal-manifattura tas-semikondutturi partikolari għandu l-"PDK" partikolari tiegħu).

— **4A1906** Kompjuters kwantistiċi u "assemblaġġi elettroniċi" relatati u komponenti għalihom, fejn id-destinazzjoni tkun barra t-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra t-territorji elenkati fil-Parti 2 tat-Taqsima A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821, kif ġej:

(a) Kompjuters kwantistiċi, kif ġej:

1. li jirfdu 34 jew aktar, iżda inqas minn 100, qubits fiżiċi "kkontrollati bis-sħiħ", "konnessi" u "operattivi", u li għandhom "errur C-NOT" ta' 10-4 jew inqas;

2. li jirfdu 100 jew aktar, iżda inqas minn 200, qubits fiżiċi "kkontrollati bis-sħiħ", "konnessi" u "operattivi", u li għandhom "errur C-NOT" ta' 10-3 jew inqas;

3. li jirfdu 200 jew aktar, iżda inqas minn 350, 'qubits fiżiċi', "ikkontrollati bis-sħiħ", "konnessi" u "operattivi", u li għandhom "errur C-NOT" ugwali għal 2 x 10-3 jew inqas;

4. li jirfdu 350 jew aktar, iżda inqas minn 500, "qubits fiżiċi", "ikkontrollati bis-sħiħ", "konnessi" u "operattivi", u li għandhom "errur C-NOT" ugwali għal 3 x 10-3 jew inqas;

5. li jirfdu 500 jew aktar, iżda inqas minn 700, "qubits fiżiċi", "ikkontrollati bis-sħiħ", "konnessi" u "operattivi", u li għandhom "errur C-NOT" ugwali għal 4 x 10-3 jew inqas;

6. li jirfdu 700 jew aktar, iżda inqas minn 1 100, "qubits fiżiċi", "ikkontrollati bis-sħiħ", "konnessi" u "operattivi", u li għandhom "errur C-NOT" ugwali għal 5 x 10-3 jew inqas;

7. li jirfdu 1 100 jew aktar, iżda inqas minn 2 000, "qubits fiżiċi", "ikkontrollati bis-sħiħ", "konnessi" u "operattivi", u li għandhom "errur C-NOT" ugwali għal 6 x 10-3 jew inqas;

8. li jirfdu 2 000 "qubits fiżiċi" jew aktar "ikkontrollati bis-sħiħ", 'konnessi' u "operattivi";

(b) Apparati qubit u ċirkwiti qubit li fihom jew li jirfdu arranġamenti ta' 'qubits fiżiċi', u ddisinjati apposta għal oġġetti speċifikati f'4A1906a;

(c) Komponenti tal-kontroll kwantistiku u apparat għall-kejl kwantistiku, iddisinjati apposta għal oġġetti speċifikati f'4A1906a;

Noti:

1. 4A1906 japplika għall-kompjuters kwantistiċi ta' mudell ta' ċirkwit (jew gate-based) u f'direzzjoni waħda (jew "ibbażati fuq il-kejl"). Din l-entrata ma tapplikax għal kompjuters kwantistiċi adiabatiċi (jew ittemprati).

2. L-oġġetti speċifikati f'4A1906 mhux bilfors ikun fihom xi qubits fiżikament. Pereżempju, il-kompjuters kwantistiċi bbażati fuq skemi fotoniċi ma fihomx b'mod permanenti oġġett fiżiku li jista' jiġi identifikat bħala qubit. Minflok, il-qubits fotoniċi jiġu ġġenerati waqt li l-kompjuter ikun qed jaħdem u mbagħad jintremew aktar tard.

3. L-oġġetti speċifikati minn 4A1906b. jinkludu semikondutturi, superkondutturi u ċipep fotoniċi qubit u matriċi ta' ċipep; arranġamenti ta' nasses joniċi tal-wiċċ; teknoloġiji oħra ta' konfinament qubit; u interkonnessjonijiet koerenti bejn dawk l-elementi.

4. 4A1906 japplika għal oġġetti ddisinjati biex jikkalibraw, jinizjalizzaw, jimmanipulaw jew ikejlu l-qubits residenti ta' kompjuter kwantistiku.

Nota Teknika:

Għall-finijiet ta' 4A1906:

1. *"qubit fiżiku" huwa sistema kwantistika b'żewġ livelli użata biex tirrappreżenta l-unità elementari tal-loġika kwantistika permezz ta' manipulazzjonijiet u kejl li ma jiġux ikkoreġuti għall-erruri. "Qubits fiżiċi" huma differenti minn qubits loġiċi, peress li qubits loġiċi huma qubits ikkorreġuti għall-erruri magħmula minn ħafna "qubits fiżiċi".*

2. *"Ikkontrollat kompletament" tfisser li l-"qubit fiżiku" jista' jiġi kkalibrat, inizjalizzat, gated u jinqara, kif meħtieġ.*

3. *"Konness" tfisser li jistgħu jitwettqu operazzjonijiet b'żewġ qubit gates bejn kwalunkwe par arbitrarju ta' "qubits fiżiċi" "operattivi" disponibbli. Dan mhux neċessarjament jinvolvi konnettività "kollha għal kulhadd".*

4. *"Operattiv" tfisser li l-"qubit fiżiku" jwettaq funzjonijiet ta' ħidma komputazzjonali kwantistika universali f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tas-sistema għall-fedeltà operattiva tal-qubit.*

5. *L-appoġġ ta' 34 jew aktar "qubits fiżiċi" "kompletament ikkontrollati", "konnessi" u "operattivi", jirreferi għall-kapaċità ta' kompjuter kwantistiku li jillimita, jikkontrolla, ikejjel u jipproċessa l-informazzjoni kwantistika inkorporata f'34 "qubit fiżiku" jew aktar.*

6. *L-"errur C-NOT" huwa l-errur medju tal-gate fiżika għall-eqreb żewġ "qubits fiżiċi" l-aktar viċini Controlled-NOT (C-NOT).*

— **4D1901b3** "software" minbarra dak speċifikat f'4D001 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821, kif emendat, iddisinjat apposta jew modifikat għall-"iżvilupp" jew il-"produzzjoni" tat-tagħmir speċifikat f'4A1906.b. jew 4A1906.c., meta d-destinazzjoni tkun barra t-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra t-territorji elenkati fil-Parti 2 tat-Taqsima A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821.

— **4E1901b3** "Teknoloġija" minbarra dik speċifikata f'4E001 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821, kif emendat, skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija, għall-"iżvilupp" jew il-"produzzjoni" tat-tagħmir speċifikat f'4A1906.b. jew 4A1906.c., meta d-destinazzjoni tkun barra t-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra t-territorji elenkati fil-Parti 2 tat-Taqsima A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821.

— **5A902** Sistemi ta' sorveljanza, tagħmir u komponenti għall-ICT (it-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni) għal networks pubbliċi, mhux speċifikati mill-punt 5D001(e) tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821 kif emendat, id-destinazzjoni tkun barra t-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra ż-żoni elenkati fil-Parti 2 tat-Taqsima A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821, kif ġej:

(a) Iċ-ċentri ta' monitoraġġ (il-Faċilitajiet ta' Monitoraġġ tal-Infurzar tal-Liġi) għas-Sistemi tal-Interċettazzjoni Legali (LI, pereżempju skont ETSI ES 201 158, ETSI ES 201 671 jew standards ekwivalenti, speċifikazzjonijiet jew standards) u komponenti ddiżinjati apposta għalihom,

(b) Sistemi jew tagħmir ta' żamma ta' data tat-telefonati (l-Informazzjoni Relatata mal-Interċettazzjoni IRI, pereżempju, skont l-ETSI TS 102 656 jew standards ekwivalenti, speċifikazzjonijiet jew standards) u komponenti ddiżinjati apposta għalihom.

Nota teknika:

Id-data tat-telefonati tinkludi l-informazzjoni ta' sinjalazzjoni, l-oriġini u d-destinazzjoni (eż. numri tat-telefown, indirizzi IP jew MAC, eċċ.), id-data u l-ħin u l-oriġini ġeografika tal-komunikazzjoni.

Nota:

5A902 ma tikkontrollax sistemi jew apparati li huma ddiżinjati apposta għal xi wieħed mill-finijiet li ġejjin:

(a) il-kontijiet

(b) il-ġbir tad-data jiffunzjona fi ħdan elementi tan-netwerk (pereżempju Exchange tat-Telefon jew HLR)

(c) il-kwalità ta' servizz tan-network (Kwalità tas-Servizz - Quality of Service - QoS) jew

(d) is-sodisfazzjon tal-utenti (Kwalità tal-Esperjenza - Quality of Experience - QoE)

(e) operat f'kumpaniji tat-telekomunikazzjoni (fornituri tas-servizzi).

— **5A911** Stazzjonijiet bażi għal "radju bil-fil" diġitali jekk il-pajjiż li qed jixtri jew il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun is-Sudan jew is-Sudan t'Isfel.

Nota teknika:

"Radju bil-fil" hija proċedura ta' komunikazzjonijiet bir-radju ċellulari fejn l-abbonati mobbli jiġu assenjati fili ta' frekwenza għall-komunikazzjoni. Ir-"radju bil-fil" diġitali (eż. TETRA, radju terrestri bil-fil) juża modulazzjoni diġitali.

— **5D902** "Software", mhux speċifikat fil-punt 5D001(e) tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821 kif emendat, fejn id-destinazzjoni tkun barra t-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra ż-żoni elenkati fil-Parti 2 tat-Taqsima A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821, kif ġej:

(a) "software" iddiżinjat jew immodifikat speċifikament għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' installazzjonijiet, funzjonijiet jew parametri ta' prestazzjoni kkontrollati minn 5A902;

(b) "software" iddiżinjat jew immodifikat speċifikament għall-kisba ta' karatteristiċi, funzjonijiet jew parametri ta' prestazzjoni kkontrollati minn 5A902.

— **5D911** "Software" iddiżinjat jew immodifikat apposta għall-"użu" ta' tagħmir, li huwa rregolat permezz tal-punt 5A911, jekk il-pajjiż li qed jixtri jew il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun is-Sudan jew is-Sudan t'Isfel.

— **5E902** "Teknoloġija" mhux speċifikata mill-punt 5E001(a) tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821 kif emendat, skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" u l-"użu" ta' installazzjonijiet, funzjonijiet jew karatteristiċi ta' prestazzjoni kkontrollati mill-entrata 5A902, jew "software" kkontrollat mill-entrata 5D902, fejn id-destinazzjoni tinsab barra mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra miż-żoni elenkati fil-Parti 2 tat-Taqsima A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821.

— **6A908** Sistemi ta' navigazzjoni jew ta' sorveljanza li jaħdmu bir-radar għall-kontroll tat-traffiku bil-baħar jew bl-ajru, li mhumiex ikkontrollati permezz tal-punti 6A008 jew 6A108 fil-qafas tar-Regolament (UE) 2021/821 kif emendat, u komponenti ddiżinjati apposta għalihom, jekk il-pajjiż li qed jixtri jew il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun l-Iran.

— **6D908** "Software", żviluppat jew immodifikat apposta għall-"iżvilupp", għall-"produzzjoni" jew għall-"użu" tat-tagħmir ikkontrollat permezz ta' 6A908, jekk il-pajjiż li qed jixtri jew il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun l-Iran.

— **9A904**"Inġenji spazjali" u tagħmir ieħor, kif ġej:

(a) Antenni ddiżinjati għall-użu b'konnessjoni ma' "vetturi spazjali", jekk id-destinazzjoni tkun barra mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra miż-żoni elenkati fil-Parti 2 tat-Taqsima A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821.

(b) Terminals tal-komunikazzjoni bil-"laser" (LCTs, stazzjonijiet tal-komunikazzjoni tad-data "laser"), minbarra dawk speċifikati f'9A004 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821, kif emendat, għall-użu b'rabta ma' "inġenji spazjali", jekk id-destinazzjoni tkun barra mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra miż-żoni elenkati fil-Parti 2 tat-Taqsima A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821.

Nota Teknika:

9A904 tinkludi oġġetti użati fil-kuntesti li ġejjin b'"inġenji spazjali", kemm fuq l-art kif ukoll fuq "inġenji spazjali":

1. Użu bħala payload għal uplink jew downlink,

2. Komunikazzjonijiet bejn "inġenji spazjali"; jew

3. Użu b'konnessjoni mat-trażmissjoni ta' sinjali tat-telemetrija.

— **9A991** Vetturi ta' fuq l-art li ma humiex koperti mill-Parti IA tal-Lista tal-Kontroll tal-Esportazzjoni, kif ġej:

(a) trejlers ċatti jew semitrejlers b'payload ta' aktar minn 25 000 kg u ta' inqas minn 70 000 kg, jew li jkollhom karatteristika militari waħda jew aktar, u li jifilħu jġorru vetturi kkontrollati permezz ta' 0006 fil-Parti I A, kif ukoll vetturi li jiġbdu li jifilħu għall-ġarr ta' dawn u li jkollhom karatteristika militari waħda jew aktar, jekk il-pajjiż li qed jixtri jew il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun l-Iran, il-Libja, il-Myanmar, il-Korea ta' Fuq, il-Pakistan, jew is-Somalja;

Nota:

Il-vetturi skont it-tifsira ta' 9A991a jinkludu l-vetturi kollha b'funzjoni ta' ġbid primarju;

(b) trakkijiet jew vetturi oħra off-road li jkollhom karatteristika militari waħda jew aktar, jekk il-pajjiż li qed jixtri jew il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun l-Iran, il-Libja, il-Myanmar, il-Korea ta' Fuq jew is-Somalja.

Nota 1: *Karatteristiċi militari kif definiti permezz ta' 9A991 jinkludu:*

(a) *kapaċità ta' fording ta' 1,2 m jew aktar;*

(b) *immuntar għall-azzarini u għall-armamenti;*

(c) *immuntar għal xbieki tal-kamuflax;*

(d) *dwal tas-saqaf, tondi u b'kuperċ li jiżżerżaq jew li jitbandal;*

(e) *żmaltar militari;*

(f) *ganċijiet tal-iggranċjar għal trejlers flimkien ma' dak li jissejjaħ NATO-socket.*

Nota 2: *9A991 ma tirregolax vetturi tal-art meta dawn jakkumpanjaw lill-utenti tagħhom għall-użu personali tagħhom.*

— **9A992** Trakkijiet, kif ġej:

(a) trakkijiet b'ingranaġġ fuq ir-roti kollha b'payload ta' aktar minn 1 000 kg, jekk il-pajjiż li qed jixtri jew il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun il-Korea ta' Fuq;

(b) trakkijiet bi tliet fusien jew aktar u b'piż gross massimu ta' tagħbija permissibbli ta' aktar minn 20 000 kg, jekk il-pajjiż li qed jixtri jew il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun l-Iran.

— **9A993** Ħelikopters, sistemi ta' trasferiment tal-forza għall-ħelikopters, magni b'turbini tal-gass u unitajiet ta' potenza awżiljarja (APUs, auxiliary power units) għall-użu f'ħelikopters, u komponenti ddiżinjati apposta għalihom, jekk il-pajjiż li qiegħed jixtri jew il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun Kuba, l-Iran, il-Libja, il-Myanmar, il-Korea ta' Fuq jew is-Somalja.

— **9A994** Magni li jiksħu bl-arja (magni ajrunawtiċi) b'kapaċità kubika ta' 100 cm^3 jew aktar u ta' 600 cm^3 jew anqas, li jistgħu jintużaw f'"vetturi tal-ajru" mingħajr ekwipaġġ, kif ukoll komponenti ddiżinjati apposta għalihom, jekk il-pajjiż li qed jixtri jew il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun l-Iran.

— **9D904** "Software" iddiżinjat jew immodifikati apposta għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" tal-oġġetti speċifikati f'9A904, jekk id-destinazzjoni tkun tinsab barra mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra miż-żoni elenkati fil-Parti 2 tat-Taqsima A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821.

— **9E904** "Teknoloġija" skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija, minbarra dik speċifikata f'5E001.b.2., 9E001 u 9E002 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821, kif emendat, għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" tal-oġġetti speċifikati f'9A904 jew is-"software" speċifikat f'9D904, jekk id-destinazzjoni tkun barra mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra miż-żoni elenkati fit-Taqsima A, il-parti 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821.

— **9E991** "Teknoloġija" skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-"iżvilupp" jew il-"produzzjoni" ta' tagħmir ikkontrollat minn 9A993, jekk il-pajjiż tax-xiri jew il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun Kuba, l-Iran, il-Libja, il-Myanmar jew il-Korea ta' Fuq.

— **9E992** "Teknoloġija" skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija, minbarra dik ikkontrollata minn 9E101(b) fil-qafas tar-Regolament (UE) 2021/821 kif emendat, għall-"produzzjoni" ta' "vetturi tal-ajru bla ekwipaġġ" ("UAVs", unmanned aerial vehicles), jekk id-destinazzjoni tkun barra mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra miż-żoni elenkati fil-Parti 2 tat-Taqsima A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821.

b. **It-Taqsima 9 L-Ordinanza dwar il-Kummerċ u l-Pagamenti Barranin (*Aussenwirtschaftsverordnung* - AWV)**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I, jekk l-esportatur ikun ġie informat mill-BAFA li l-oġġetti inkwistjoni huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-kostruzzjoni jew l-operazzjoni ta' installazzjoni nukleari fit-tifsira tal-Kategorija 0 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821 jew għall-inkorporazzjoni f'tali installazzjoni, u jekk il-pajjiż tad-destinazzjoni huwa l-Alġerija, l-Iraq, l-Iran, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libja, ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea, il-Pakistan jew is-Sirja. Jekk esportatur ikun konxju li l-oġġetti huma maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu msemmi hawn fuq, huwa għandu jinnotifika lill-BAFA. Il-BAFA se jiddeċiedi jekk jagħmilx l-esportazzjoni kkonċernata soġġetta għall-awtorizzazzjoni jew le. Din it-Taqsima ma għandhiex tapplika fil-qasam irregolat mill-Artikolu 4 u l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2021/821.

(It-Taqsima 9 tal-Ordinanza dwar il-Kummerċ u l-Pagamenti Barranin (*Aussenwirtschaftsverordnung - AWV*)).

c. **It-Taqsima 6 L-Att dwar il-Kummerċ u l-Pagamenti Barranin (*Aussenwirtschaftsgesetz* - AWG)**

Skont it-Taqsima 6 tal-Att dwar il-Kummerċ u l-Pagamenti Barranin (l-*Aussenwirtschaftsgesetz* - AWG), tranżazzjonijiet, tranżazzjonijiet legali u azzjonijiet jistgħu jiġu ristretti, jew obbligi ta' azzjoni jistgħu jiġu imposti permezz ta' att amministrattiv, sabiex jiġi evitat periklu li jirrigwarda f'każ individwali l-interessi, pereżempju l-interessi vitali tas-sigurtà tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-koeżistenza paċifika tan-nazzjonijiet, ir-relazzjonijiet barranin tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-ordni pubbliku jew is-sigurtà tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

8.5. **L-Estonja**

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament tista' tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni jew ipprojbita, minn deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar Oġġetti Strateġiċi, għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew minħabba kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

(Il-paragrafi 2 (11) u 6 (2) tal-Att dwar l-Oġġetti Strateġiċi).

8.6. **L-Irlanda**

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament tista' tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni jew ipprojbita għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew minħabba kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

(Kontroll tal-Att dwar l-Esportazzjonijiet tal-2023, it-Taqsima 12, Ordni tal-Ministru li tipprojbixxi l-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I u Taqsima 13, Direzzjoni li l-awtorizzazzjoni meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I, bdiet fit-23 ta' Awwissu 2024).

8.7. **Spanja**

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament u elenkati fl-Anness III.4 u l-Anness III.5 tad-Digriet Reġju 679/2014 tal-1 ta' Awwissu 2014, għandha tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni.

(L-Artikolu 2(3)(a) - id-Digriet Reġju 679/2014, tal-1 ta' Awwissu 2014 dwar il-kontroll tal-kummerċ barrani f'materjal tad-difiża, materjal ieħor u oġġetti u teknoloġiji b'użu doppju)

— **1C901** nitrat tal-ammonju (CAS 6484-52-2) fi grad splussiv b'konċentrazzjoni ta' nitroġenu ta' 31,5 % jew aktar.

Nota 1: L-Artikolu 1C901 jikkontrolla n-nitrat tal-ammonju, in-nitrat tal-ammonju tekniku, in-nitrat tal-ammonju granulat, in-nitrat tal-ammonju poruż u kwalunkwe preżentazzjoni oħra li fiha jista' jintuża bħala ossidatur solidu.

Nota 2: L-Artikolu 1C901 jinkludi taħlitiet splussivi ta' nitrat tal-ammonju ma' żjut fjuwil, emulsjonijiet, idroġels u splussivi reżistenti għall-ilma.

Nota 3: L-Artikolu 1C901 ma jikkontrollax in-nitrat tal-ammonju f'fertilizzant b'densità għolja u b'porożità baxxa.

Nota 4: L-Artikolu 1C901 ma jikkontrollax il-kwistjoni tan-nitrat tal-ammonju (UN 1942 u UN 2426) għall-manifattura ta' splussivi, u lanqas il-matriċi ta' emulsjonijiet, sospensjonijiet u ġels ibbażati fuq in-nitrat tal-ammonju (UN 3375) użati għall-manifattura ta' splussivi, li għandhom ikunu rregolati mill-Istruzzjoni Teknika Supplimentari Nru 30 tar-Regolament dwar l-Isplussivi, approvata bid-Digriet Reġju 130/2017 tal-24 ta' Frar.

— **5A901** sistemi u tagħmir ta' frekwenza tar-radju mhux speċifikati f'5.A.1.f u 5.A.1.h, komponenti u aċċessorji, iddiżinjati jew modifikati biex jiżviluppaw kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet li ġejjin:

1. Biex jieħdu l-kontroll u l-kmand ta' ajruplani mingħajr bdot abbord.

2. Biex deliberatament u selettivament jinterferixxu, jiċħdu, jinibixxu, jiddegradaw jew iqarrqu bis-sinjali tal-frekwenza tar-radju għall-kontroll u l-kmand ta' ajruplani mingħajr bdot abbord.

3. Biex jużaw il-karatteristiċi speċifiċi tal-protokoll tal-frekwenza tar-radju użat minn ajruplani mingħajr bdot abbord biex jinterferixxu fit-tħaddim tagħhom.

N.B. Għal sistemi ta' disturb tal-GNSS, ara wkoll il-Kontrolli tal-Merkanzija Militari, Kategorija 11.b.

— **5A902** sistemi, tagħmir u komponenti ta' sorveljanza għal networks pubbliċi ta' informazzjoni u komunikazzjoni, mhux speċifikati fl-Artikolu 5A001 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021, iddiżinjati għal kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet li ġejjin:

1. Biex jimmonitorjaw applikazzjonijiet ta' interċettazzjoni legali (skont ir-rekwiżiti ta' interċettazzjoni legali u sigurtà tat-telekomunikazzjoni għal funzjonijiet tan-network ETSI ES 201 158, interfaċċa ta' trasferiment għal interċettazzjoni legali tat-traffiku tat-telekomunikazzjonijiet ETSI ES 201 671 jew standards u speċifikazzjonijiet ekwivalenti) u komponenti ddiżinjati apposta għalihom.

2. Iż-żamma tad-data tat-telefonati (f'konformità mar-rekwiżiti għall-interċettazzjoni legali tad-data mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi għat-trattament ta' data ETSI TS 102 656 jew standards u speċifikazzjonijiet ekwivalenti) u komponenti ddiżinjati apposta għaliha.

Nota teknika: Id-data tat-telefonati tinkludi l-informazzjoni ta' sinjalazzjoni, l-oriġini u d-destinazzjoni (eż. numri tat-telefown, indirizzi IP jew MAC, eċċ.), id-data u l-ħin u l-oriġini ġeografika tal-komunikazzjoni.

Nota: L-Artikolu 5A902 ma jikkontrollax sistemi, tagħmir jew komponenti ddiżinjati apposta għal kwalunkwe wieħed mill-finijiet li ġejjin:

(a) Fatturazzjoni;

(b) Funzjonijiet ta' ġbir ta' data fl-elementi tan-network;

(c) Kwalità tas-servizz tan-network; jew

(d) Is-sodisfazzjon tal-utenti.

— **5D902** software mhux speċifikat fl-Artikolu 5D001 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 iddiżinjat jew modifikat apposta għall-iżvilupp, il-produzzjoni, l-użu, il-konfigurazzjoni funzjonali u l-kontroll tal-prestazzjoni ta' sistemi, tagħmir u komponenti ta' sorveljanza speċifikati f'5A902

8.8. **Franza**

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament tista' tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni jew ipprojbita għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew minħabba kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. (Id-Digriet Nru 2010-292).

Kontrolli nazzjonali fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju ġew adottati, kif stabbilit fl-ordnijiet li ġejjin: L-Ordni Ministerjali tal-31 ta' Lulju 2014 dwar l-esportazzjoni ta' ċerti ħelikopters u l-ispare parts tagħhom lejn pajjiżi terzi, (ippubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali ta' Franza tat-8 ta' Awissu 2014); Ordni Ministerjali tal-31 ta' Lulju 2014 dwar l-esportazzjoni ta' gass tad-dmugħ u ta' aġenti għall-kontroll tal-irvellijiet lejn pajjiżi terzi, (ippubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali ta' Franza tat-8 ta' Awwissu 2014); L-Ordni Ministerjali tat-2 ta' Frar 2024 (modifikata bl-Ordni Ministerjali tas-27 ta' Marzu 2025) dwar oġġetti u teknoloġiji assoċjati ma' kompjuters kwantistiċi u t-teknoloġiji abilitanti u t-tagħmir tagħhom għad-disinn, l-iżvilupp, il-produzzjoni, l-ittestjar u l-ispezzjoni ta' komponenti elettroniċi avvanzati (Ippubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali Franċiża tal-10 ta' Frar 2024 u tat-30 ta' Marzu 2025 – ECOI2506508A).

8.9. **L-Italja**

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament għandha tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni meta d-destinazzjoni finali tagħhom tkun ir-Repubblika tal-Armenja, ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran, ir-Repubblika tal-Każakistan jew ir-Repubblika tal-Kirgistan, u għall-oġġetti li ġejjin:

a) Magni bil-pistuni reċiprokanti jew rotatorji li jaqbdu bl-ispark, li jistgħu jintużaw fis-settur tal-avjazzjoni. "Settur tal-avjazzjoni" tfisser: inġenji tal-ajru, vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (l-hekk imsejħa UAVs), ħelikopters, ġiroajruplani, ajruplani ibridi jew mudelli kkontrollati mir-radju;

b) Partijiet adattati għall-użu biss jew prinċipalment mal-magni msemmija fl-ittra a).

(Id-Digriet tal-10 ta' Lulju 2023, Serje Ġenerali tal-ĠU tal-Italja nru. 165, is-17 ta' Lulju 2023, il-paġna 14).

8.10. **Il-Latvja**

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament tista' tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni jew ipprojbita mill-Kumitat tal-Kontroll tal-Oġġetti Strateġiċi għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew minħabba kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

Il-lista nazzjonali ta' oġġetti mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament hija fis-seħħ.

— **10A901** Armi li jużaw munizzjon tan-nar bil-case mhux ċentrali (rimfire), komponenti u munizzjon imfassla b'mod speċjali.

— **10A902** Tagħmir, spare parts u komponenti relatati mal-inġenji tal-ajru. Kontroll applikabbli biss għal tagħmir, spare parts u komponenti tal-inġenji tal-ajru li jistgħu jintużaw għall-inġenji tal-ajru ċivili u militari.

— **10A903** Pistoli tal-arja b'enerġija ta' aktar minn 12 J.

— **10A906** Miri u komponenti ta' armi ta' viżjoni fid-dlam.

— **10A907** Mini kontra l-persunal.

— **10D901** Software żviluppat għal servizzi ta' intelligence u ddiżinjat apposta sabiex jislet, jeqred jew jibdel informazzjoni bil-moħbi minn kompjuters, networks jew sistemi oħrajn ta' informazzjoni.

— **10E902** Assistenza militari u assistenza teknika relatati ma' merkanzija militari.

(Ir-Regolament Nru 645 tal-25 ta' Settembru 2007 - ir-"Regolament dwar il-Lista Nazzjonali ta' Oġġetti u Servizzi Strateġiċi", l-Artikolu 3(1) tal-Liġi dwar iċ-Ċirkolazzjoni ta' Oġġetti Strateġiċi tal-21 ta' Ġunju 2007).

8.11. **Il-Litwanja**

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament tista' tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni jew ipprojbita għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika, inkluż il-prevenzjoni ta' atti ta' terroriżmu, jew għal konsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

(Il-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar il-Kontroll ta' Oġġetti Strateġiċi Nru XIV-1738 tat-22 ta' Diċembru 2022).

L-esportazzjoni ta' lista ta' oġġetti b'użu doppju mhux inklużi fl-Anness I hija pprojbita meta tiġi esportata mill-punti ta' qsim tal-fruntiera tat-triq tal-Istat tar-Repubblika tal-Litwanja ma' pajjiżi mhux tal-UE.

(Ir-riżoluzzjoni tal-Gvern Nru 512 tat-28 ta' Ġunju 2023, Dwar l-Applikazzjoni ta' Miżuri Nazzjonali ta' Kontroll Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif emendat bir-Riżoluzzjoni Nru 888 tal-15 ta' Novembru 2023).

Lista nazzjonali ta' oġġetti b'użu doppju kkontrollati:

Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda (NM)	Deskrizzjoni:
3818	Elementi kimiċi drogati għall-użu fl-elettronika, f'forma ta' diski, wejfers jew forom simili; komposti kimiċi drogati għall-użu fl-elettronika
3824	Materjali li jgħaqqdu ppreparati għal forom jew ċentri ta' funderija; prodotti u preparazzjonijiet kimiċi tal-industriji kimiċi jew li għandhom x'jaqsmu magħhom (inklużi dawk li jikkonsistu f'taħlitiet ta' prodotti naturali), mhux speċifikati jew inklużi band'oħra
6909	Oġġetti taċ-ċeramika għal użi ta' laboratorju, użi kimiċi jew tekniċi oħrajn; ħwat, banjijiet u reċipjenti simili taċ-ċeramika tat-tip użati fl-agrikultura; kontenituri, ġarar u oġġetti simili taċ-ċeramika tat-tip użati għal ġarr jew ippakkjar ta' merkanzija
8420 10 81	Laminaturi bir-romblu tat-tip użat biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' sottostrati taċ-ċirkwiti stampati jew ta' ċirkwiti stampati nfushom
8421 21	Makkinarju u apparat li jiffiltraw jew isaffu likwidi, għall-iffiltrar jew il-purifikazzjoni tal-ilma
8421 39	Makkinarju u apparat li jiffiltraw jew isaffu gassijiet, ħlief filtri għad-dħul tal-arja għal magni b'kombustjoni interna u esklużi konvertituri katalitiċi u filtri oħra tal-partikuli separati, ikkombinati jew le, biex jippurifikaw jew jiffiltraw gassijiet tal-egżost minn magni tal-kombustjoni interna
8421 99	Partijiet ta' magni u apparat għall-filtrazzjoni jew il-purifikazzjoni ta' likwidi jew gassijiet
8424 89 40	Apparat mekkaniku għall-projezzjoni, dispersjoni jew traxxix tat-tip użat biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' ċirkwiti stampati jew assemblaġġi ta' ċirkwiti stampati
8456 11 10	Għodod tal-magni imħaddmin bil-lejżer jew bi proċessi tad-dawl jew tar-raġġi foton oħrajn ta' tip użat biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' ċirkwiti stampati, assemblaġġi ta' ċirkwiti stampati, partijiet ta' intestatura 8517, jew partijiet ta' magni awtomatiċi għall-ipproċessar tad-data
8456 12 10	Għodod tal-magni imħaddmin bil-lejżer jew bi proċessi tad-dawl jew tar-raġġi foton oħrajn ta' tip użat biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' ċirkwiti stampati, assemblaġġi ta' ċirkwiti stampati, partijiet ta' intestatura 8517, jew partijiet ta' magni awtomatiċi għall-ipproċessar tad-data
8457	Ċentri ta' xogħol bil-magni, magni għal kostruzzjoni unità waħda (stazzjon wieħed) u magni ta' trasferiment b'numru ta' stazzjonijiet, għal xogħol tal-metall
8458	Tornijiet (inkluż ċentri tal-inturnjar) għat-tneħħija ta' metall
8459	Għodod tal-magni (inklużi way-type unit head machines) għal tħaffir, titqib, tħin, ħjata jew taping bit-tneħħija tal-metall, minbarra tornijiet tat-titlu (inkluż ċentri tat-torn) tal-intestatura 8458.
8466	Partijiet u aċċessorji tajbin biss jew prinċipalment għal użu mal-magni tal-intestaturi 8456 sa 8465, inklużi ħowlders għax-xogħol jew għodda, irjus ta' forom jinfetħu waħedhom, irjus li jifirdu u żjidiet oħrajn speċjali għall-magni; holders tal-għodda għal kwalunkwe tip ta' għodda li taħdem fl-idejn.
8471	Magni għall-ipproċessar awtomatiku tad-data u unitajiet tagħhom; apparat li jaqra b'sistema manjetika jew ottika, magni biex jittraskrivu data fuq mezzi ta' data f'għamla kkowdjata u magni biex jipproċessaw din id-data, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra
8473	Parts u aċċessorji (għajr għata, bagalji tat-trasport u oġġetti bħal dawn) tajbin biss u prinċipalment għall-użu ma' magni tal-intestaturi 8470 sa 8472

Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda (NM)	Deskrizzjoni:
8479 89 70	Magni għat-tqegħid awtomatizzat ta' komponenti elettroniċi ta' tip użat biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' assemblaġġi ta' ċirkwiti stampati
8481 10	Valvi biex inaqqsu l-pressa
8481 30	Valvi b'direzzjoni waħda (non-return)
8481 80	Viti, cocks, valvi u apparat simili għal pajpijiet, qxur tal-bojlers, tankijiet, btieti jew bħalhom, inkluż valvi biex inaqqsu l-pressa u valvi kkontrollati b'mod termostatiku; esklużi valvi għat-tnaqqis tal-pressjoni, valvi għal trażmissjonijiet oleoidrawliċi jew pnewmatiċi, valvi ta' kontroll (unidirezzjonali) u valvi ta' sikurezza jew ta' solliev
8482	Bolberings jew berings bir-rombli
8485	Magni għall-manifattura addittiva
8486	Magni u apparat ta' tip użat biss jew b'mod prinċipali għall-manifattura ta' boules jew wejfers semikondutturi, apparat semikonduttur, ċirkwiti integrati elettroniċi jew displejs b'pannelli ċatti; Magni u apparati speċifikati fin-Nota 11 (C) għall-kapitolu 84; partijiet u aċċessorji
8501	Muturi elettriċi u ġeneraturi (ħlief settijiet ta' ġenerazzjoni)
8504	Transformers tal-elettriku, converters statiċi (pereżempju, rectifiers) u inductors
8505	Elettrokalamiti; kalamiti permanenti u oġġetti maħsuba biex isiru kalamiti permanenti wara manjetizzazzjoni; ċokks, klampijiet u mezzi manjetiċi jew elettromanjetiċi simili li jeħlu; couplings, klaċċijiet, kaxex tal-brejkijiet u brejkijiet elettromanjetiċi; irjus ta' magni ta' rfigħ elettromanjetiċi
8506 10	Ċelluli primarji u batteriji primarji oħrajn tad-dijossidu tal-manganiż
8506 50	Ċelluli primarji u batteriji primarji oħrajn tal-litju.
8507	Akkumulaturi elettriċi, inklużi separaturi għalihom, rettangulari (inklużi kwadri) jew le
8517	Settijiet tat-telefown, inkluż smartphones u telefowns oħrajn għan-networks ċellulari jew għal networks oħra bla wajers; apparat ieħor għat-trażmissjoni jew riċezzjoni tal-vuċi, tal-immaġnijiet jew ta' data oħra, inkluż apparat għall-komunikazzjoni f'network ikkollegat bil-wajer jew bla wajers (bħal network ta' żona lokali jew ta' żona wiesgħa), għajr apparat tat-trażmissjoni jew tar-riċezzjoni tal-intestaturi 8443, 8525, 8527 jew 8528
8518 10	Mikrofoni u stands għalihom
8523 49	Mezzi ottiċi; oħra
8523 80	Mezzi tas-semikondutturi; oħra.
8524	Moduli tad-displays pannelli ċatti, kemm jekk jinkorporaw skrins tattili u kemm jekk le
8525	Tagħmir ta' trażmissjoni għax-xandir bir-radju jew bit-televiżjoni, kemm jekk fih u kemm jekk ma fihx tagħmir ta' riċezzjoni jew tagħmir ta' rrekordjar jew riproduzzjoni; kameras tat-televiżjoni, kameras diġitali u vidjowkameras li jirrekordjaw
8526	Apparat tar-radar, apparat tar-radjunavigazzjoni u apparat tar-radju bil-kontroll mill-bogħod
8528	Moniters u proġekters, li ma jinkorporawx apparat ta' riċezzjoni għat-televiżjoni; apparat tar-riċezzjoni għat-televiżjoni, kemm jekk jinkorpora u kemm jekk ma jinkorporax fih apparat ta' riċezzjoni tax-xandir bir-radju jew apparat għar-rekordjar jew riproduzzjoni tal-ħoss jew tal-video
8532	Capacitors tal-elettriku, fissi, varjabbli jew li jaġġustaw ruħhom (issettjati minn qabel)

Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda (NM)	Deskrizzjoni:
8533	Resistors elettriċi (inkluż reostati u potenzjometri), ħlief resistors għat-tisħin
8534	Ċirkwiti stampati
8535	Apparat elettriku biex jixgħel jew jipproteġi ċirkuwiti elettriċi, jew biex joħloq konnessjonijiet ma' jew ġo ċirkuwiti elettriċi (pereżempju, swiċċijiet, fjusijiet, apparat li jilqa' s-sajjetti, apparat li jillimita l-vultaġġ, apparat li jrażżan it-tlugħ f'daqqa tal-kurrent, plaggs u konnekters oħrajn u kaxxi fejn jingħaqdu l-kejbils), għal vultaġġ ogħla minn 1 000 V
8536	Tagħmir elettriku biex jixgħel jew jipproteġi ċirkwiti elettriċi, jew sabiex jagħmlu konnessjonijiet ma' jew ġewwa ċirkwiti elettriċi (pereżempju swiċċijiet, rilejs, fjusijiet, apparat li jrażżan it-tlugħ f'daqqa tal-kurrent, plaggs, sokits, ħowlders tal-bozoz, kaxxi fejn jaqbdu l-kejbils), għal vultaġġ li ma jaqbiżx l-1 000 V; konnekters użati għal fibra ottika, mazzi jew kejbils ta' fibra ottika
8537	Bords, pannelli, pannelli għall-kontroll, skrivaniji, armarji u bażijiet oħrajn, armati b'biċċtejn apparat jew aktar tal-intestatura 8535 jew 8536, għal kontroll elettriku jew għad-distribuzzjoni tal-elettriku, inklużi dawk li fihom strumenti jew apparat tal-Kapitolu 90, u apparat ta' kontroll numeriku, ħlief apparat ta' swiċċjar tal-intestatura 8517
8538	Parts tajbin biss jew prinċipalment għall-użu mal-apparat tal-intestaturi 8535, 8536 jew 8537
8541	Apparati semikondutturi (eż. dijodi, tranżisturi, trasdutturi bbażati fuq semikondutturi); mezzi semikondutturi fotosensittivi, inklużi ċelluli fotovoltajki immuntati f'moduli jew magħmulin f'pannelli jew le; dijodu li jemetti d-dawl (LED, light-emitting diodes), kemm jekk assemblati b'dijodi li jemettu d-dawl (LED) oħrajn u kemm jekk le; kristalli pjeżoelettriċi ingastati
8542	Ċirkwiti integrati elettroniċi
8543	Magni u apparat elettriku, li għandhom funzjonijiet individwali, mhux speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor fil-kapitlu 85
8544	Wajer iżolat (inkluż żmaltat jew anodizzat), kejbil (inkluż kejbil koassjali) u kondutturi elettriċi iżolati oħrajn, mgħammrin b'konnetturi jew le; kejbils tal-fibra ottika, magħmulin minn fibri miksijin individwalment, assemblati b'kondutturi elettriċi jew mgħammrin b'konnetturi jew le
8546	Iżolaturi elettriċi ta' kwalunkwe materjal
8548	Partijiet elettriċi tal-makkinarju jew apparat, mhux speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor fil-kapitlu 85
8704	Vetturi bil-mutur għat-trasport ta' oġġetti.
8906	Bastimenti oħrajn, inkluż bastimenti tal-gwerra u dgħajjes tas-salvataġġ ħlief dgħajjes tal-qdif
9001	Fibri ottiċi u mazzi tal-fibri ottiċi; kejbils tal-fibri ottiċi għajr dawk tal-intestatura 8544; folji u pjanċi ta' materjal polarizzanti; lentijiet (inklużi lentijiet tal-kuntatt), priżmi, mirja u elementi ottiċi oħrajn, ta' kull materjal, mhux immuntati, ħlief dawk l-elementi tal-ħġieġ mhux maħdumin ottikament
9002	Lentijiet, priżmi, mirja u elementi ottiċi oħra, ta' kull materjal, immuntati, li huma partijiet minn jew fittings għal strumenti jew apparati, barra minn dawk l-elementi tal-ħġieġ li mhumiex maħduma ottikament
9012	Mikroskopji ħlief mikroskopji ottiċi; apparat ta' difrazzjoni
9020	kejbils ta' fibri ottiċi barra minn dawk tal-intestatura 9019; maskri tal-gass, eskluż maskri protettivi li la fihom partijiet mekkaniċi u lanqas filtri sostitwibbli

Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda (NM)	Deskrizzjoni:
9025 19	Termometri u pirometri, mhux ikkombinati ma' strumenti oħra minbarra termometri mimlija bil-likwidu għall-qari dirett
9025 80	Barometri, mhux imħalltin ma' strumenti oħrajn, elettroniċi u oħrajn, ikklassifikati taħt l-intestatura 9025 80.
9027 20	Kromatografi u strumenti ta' elettroforesija
9030	Oxxilloskopji, analizzaturi tal-ispettru u strumenti u apparati oħrajn għall-kejl jew għall-iċċekkjar tal-kwantitajiet elettriċi, ħlief il-miters tal-intestatura 9028; strumenti u apparat għall-kejl jew għad-detezzjoni tar-radjazzjoni mir-raġġi alfa, beta, gamma u r-raġġi-X, tar-radjazzjoni kożmika jew radjazzjoni jonizzanti oħra
9031	Strumenti, apparat u magni għall-kejl jew għall-iċċekkjar, mhux speċifikati banda oħra fil-Kapitolu 90; proġekters tal-profili
9032	Strumenti u apparat awtomatiċi li jirregolaw jew jikkontrollaw

8.12. **Il-Lussemburgu**

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament tista' tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni jew ipprojbita għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew minħabba kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

L-esportatur li jkun jaf jew jissuspetta li tali esportazzjoni jew dawn il-prodotti jaffettwaw jew aktarx li jaffettwaw is-sigurtà nazzjonali jew barranija tal-pajjiż tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu jew is-salvagwardja tad-drittijiet tal-bniedem, għandu jinforma lill-Ministri responsabbli għall-Kummerċ Barrani u l-Affarijiet Barranin li jgħarrfu lill-esportatur jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu dwar il-ħtieġa li jitolbu l-awtorizzazzjoni jew le.

(Il-Liġi tas-27 ta' Ġunju 2018, l-Artikolu 45(2)).

8.13. **L-Ungerija**

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament tista' tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew konsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

(Il-paragrafu 8/A tad-Digriet tal-Gvern Nru 13 tal-2011 "dwar l-awtorizzazzjoni tal-kummerċ barrani għal oġġetti b'użu doppju").

8.14 **In-Netherlands**

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament tista' tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni jew ipprojbita mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika, inkluż il-prevenzjoni ta' atti ta' terroriżmu, jew għal konsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

(L-Artikolu 4 tad-Digriet għall-Oġġetti Strateġiċi - il-Besluit strategische goederen).

Kontrolli nazzjonali għall-esportazzjoni ta' oġġetti għar-repressjoni interna lejn is-Sirja u s-servizzi ta' senserija lis-Sirja u għall-esportazzjoni ta' oġġetti għar-repressjoni interna lejn l-Eġittu u l-Ukrajna.

(Oġġetti b'Użu Doppju tad-Digriet - Regeling goederen voor tweeërlei gebruik).

Ġew imposti rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni ta' 37 sustanza kimika lejn l-Iraq, irrispettivament mid-destinatarju speċifiku jew l-utent finali.

(Oġġetti b'Użu Doppju tad-Digriet Iraq – Regeling goederen voor tweeërlei gebruik Irak).

Ġew imposti rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni ta' tagħmir tal-manifattura tas-semikondutturi avvanzat.

(Ordni Avvanzata ta' Tagħmir ta' Manifattura ta' Semikondutturi – Regeling geavanceerde productieapparatuur voor halfgeleiders).

8.15. **L-Awstrija**

L-esportazzjoni jew it-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament tista' tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni jew ipprojbita għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew minħabba kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

(It-Taqsima 20 tal-Att dwar il-Kummerċ Barrani tal-2011 (Außenwirtschaftsgesetz 2011, BGBl. I Nru 26/2011)).

8.16. **Ir-Rumanija**

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament iżda soġġetti għar-reġim ta' kontroll tal-esportazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9, għandha tirrikjedi awtorizzazzjoni individwali għall-esportazzjoni.

(Estratt mill-Artikolu 10(1) tal-GO 43/2022 dwar ir-reġim ta' kontroll għall-operazzjonijiet li jikkonċernaw oġġetti b'użu doppju).

8.17. **Is-Slovenja**

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament tista' tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni jew ipprojbita għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew minħabba kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

(L-Artikolu 4(3) tal-Att li Jirregola l-Kontroll tal-Esportazzjonijiet ta' Oġġetti b'Użu Doppju (Zakon o nadzoru izvoza blaga z dvojno rabo (Uradni list RS, št. 37/04, 8/10 in 29/23).

8.18. **Il-Finlandja**

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju elenkati fl-Anness tal-liġi nazzjonali (500/2024) hija soġġetta għal awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni. L-entrati kollha għajr 3A901.c, 3E901 sa fejn huma relatati ma' 3A901.c, 4A902 u 4E902 ġew sostitwiti bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/2003.

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament jew l-Anness tal-liġi nazzjonali tista' tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni jekk ikunu jew jistgħu jkunu maħsuba għal użu li jipperikola b'mod sinifikanti s-sigurtà pubblika jew is-sigurtà nazzjonali tal-Finlandja.

(Il-paragrafi 6(4) u 7 tal-Att Nru 500/2024).

8.19. **L-Iżvezja**

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament tista' tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni jew ipprojbita għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew minħabba kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

Il-kontrolli nazzjonali fuq l-esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju ġew adottati kif stabbilit fl-Anness tal-Ordinanza dwar il-Kontroll tal-Oġġetti b'Użu Doppju u l-Assistenza Teknika (2000:1217).

9. **INFORMAZZJONI PPROVDUTA MILL-ISTATI MEMBRI FIR-RIGWARD TAL-ARTIKOLU 11(5) TAR-REGOLAMENT (TRASFERIMENTI INTRA-KOMUNITARJI)**

L-Artikolu 11(5) tar-Regolament jistipula li l-Istati Membri li jimponu rekwiżit ta' awtorizzazzjoni għat-trasferiment, mit-territorju tagħhom lejn Stat Membru ieħor, ta' oġġetti mhux elenkati fl-Anness IV għar-Regolament (l-Anness IV jelenka oġġetti li ma jgawdux mil-libertà tal-moviment fis-suq uniku) għandhom jinformaw lill-Kummissjoni, li din imbagħad tippubblika din l-informazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri kif notifikati lill-Kummissjoni. Id-dettalji dwar il-miżuri huma pprovduti aktar 'il quddiem.

Stat Membru	Ittieħdu miżuri speċifiċi biex jiġu estiżi l-kontrolli tat-trasferimenti intra-UE fl-applikazzjoni tal-Artikolu 11(2)?
IL-BELĠJU	Parzjalment IVA
IL-BULGARIA	IVA
IR-REPUBBLIKA ĊEKA	IVA
ID-DANIMARKA	LE

Stat Membru	Ittieħdu miżuri speċifiċi biex jiġu estiżi l-kontrolli tat-trasferimenti intra-UE fl-applikazzjoni tal-Artikolu 11(2)?
IL-ĠERMANJA	IVA
L-ESTONJA	IVA
L-IRLANDA	IVA
IL-GREĊJA	IVA
SPANJA	LE
FRANZA	LE
IL-KROAZJA	IVA
L-ITALJA	LE
ĊIPRU	LE
IL-LATVIJA	LE
IL-LITWANJA	LE
IL-LUSSEMBURGU	IVA
L-UNGERIJA	IVA
MALTA	LE
IN-NETHERLANDS	IVA
L-AUSTRIJA	LE
IL-POLONJA	LE
IL-PORTUGALL	LE
IR-RUMANIJA	LE
IS-SLOVENJA	LE
IS-SLOVAKKJA	IVA
IL-FINLANDJA	IVA
L-IŻVEZJA	IVA

9.1. **Il-Belġju**

Fir-reġjun Fjamming, rekwiżit ta' awtorizzazzjoni għal trasferimenti intra-UE jista' jiġi impost b'deċiżjoni Ministerjali f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament. Fid-data ta' din il-pubblikazzjoni, din il-possibbiltà kienet għadha ma ntużatx.

(L-Artikolu 4, it-tieni paragrafu, tad-Digriet tal-Gvern Fjamming tad-19 ta' Diċembru 2025 li jirregola l-esportazzjoni, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju u l-għoti ta' assistenza teknika (Gazzetta Uffiċjali Belġjana tas-26 ta' Jannar 2026).

9.2. **Il-Bulgarija**

Il-Bulgarija estendiet il-kontrolli ta' trasferimenti intra-UE kif stabbilit fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament u introduċiet rekwiżit sabiex tiġi pprovduta informazzjoni addizzjonali lill-awtoritajiet kompetenti dwar ċerti trasferimenti intra-UE kif stabbilit fl-Artikolu 11(8) tar-Regolament.

(L-Artikolu 51, il-paragrafu 8 u l-paragrafu 9 tal-Att dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni ta' Prodotti relatati mad-Difiża u Oġġetti u Teknoloġiji b'Użu Doppju, emendat - Gazzetta tal-Istat Nru 41/2024, effettiv fl-10.05.2024)).

9.3. **Ir-Repubblika Ċeka**

L-Att Nru 594/2004 Coll. jestendi kontrolli fir-rigward ta' trasferimenti intra-UE mir-Repubblika Ċeka kif stabbilit fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament.

9.4. **Il-Ġermanja**

It-Taqsima 11 tal-Ordinanza dwar il-Kummerċ u l-Ħlasijiet Barranin (*Aussenwirtschaftsverordnung* - AWV) testendi kontrolli fir-rigward ta' trasferimenti intra-UE mill-Ġermanja kif stabbilit fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament.

9.5. **L-Estonja**

L-Att dwar l-Oġġetti Strateġiċi §3(6) jestendi l-kontrolli fir-rigward tat-trasferimenti intra-UE kif stipulat fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament.

9.6. **L-Irlanda**

Persuna ma tistax, mingħajr awtorizzazzjoni, tittrasferixxi oġġett b'użu doppju mhux speċifikat fl-Anness IV mill-Istat lejn Stat Membru ieħor fejn hija taf jew kienet infurmata mill-awtorità kompetenti li l-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi (a), (b) u (c) tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament japplikaw għall-oġġett.

(L-Att tal-2023 dwar il-Kontroll tal-Esportazzjonijiet, it-Taqsima 20, Obbligi skont l-Artikolu 11, li beda fit-23 ta' Awwissu 2024).

9.7. **Il-Greċja**

It-Taqsima 3.4 tad-Deċiżjoni Ministerjali Nru 121837/E3/21837 tat-28 ta' Settembru 2009 testendi kontrolli fir-rigward ta' trasferimenti intra-UE mill-Greċja kif stabbilit fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament.

9.8. **Il-Kroazja**

Rekwiżit ta' awtorizzazzjoni għal trasferimenti intra-UE jista' jiġi impost f'każijiet individwali fir-rigward ta' oġġetti b'użu doppju.

(L-Artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Kontroll ta' oġġetti b'użu doppju OG 83/2023)

9.9. **Il-Lussemburgu**

Jista' jiġi impost rekwiżit ta' awtorizzazzjoni għat-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju, għajr dawk elenkati fl-Anness IV tar-Regolament, mit-territorju tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu lejn Stat Membru ieħor fil-każijiet previsti fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament.

(Il-Liġi tas-27 ta' Ġunju 2018 dwar il-kontroll tal-esportazzjoni, l-Artikolu 44).

9.10. **L-Ungerija**

Il-paragrafu 16 tad-Digriet tal-Gvern Nru 13 tal-2011 "dwar l-awtorizzazzjoni tal-kummerċ barrani ta' oġġetti b'użu doppju" jadotta rekwiżit ta' liċenzjar fuq oġġetti b'użu doppju elenkati għal trasferimenti fi ħdan l-UE jekk japplikaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament.

9.11. **In-Netherlands**

Rekwiżit ta' awtorizzazzjoni għal trasferimenti intra-UE jista' jiġi impost f'każijiet individwali fir-rigward ta' oġġetti b'użu doppju.

(L-Artikolu 4a(2) tad-Digriet dwar l-Oġġetti Strateġiċi - Besluit strategische goederen).

9.12. **Is-Slovakkja**

Il-paragrafu 23(2) tal-Att Nru 39/2011 Coll. jestendi kontrolli fir-rigward ta' trasferimenti intra-UE mir-Repubblika Slovakka, kif stabbilit fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament.

9.13. **Il-Finlandja**

Il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin jagħmel it-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju mill-Finlandja lejn Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea soġġett għal awtorizzazzjoni jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament.

(Il-paragrafu 6(3) tal-Att Nru 500/2024).

9.14. **L-Iżvezja**

Jista' jiġi impost rekwiżit ta' awtorizzazzjoni għal trasferimenti intra-UE f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament fir-rigward ta' oġġetti b'użu doppju jekk l-operatur ikun ġie infurmat mill-awtorità kompetenti li l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 11(2)(a – b) ikunu ssodisfati.

Għall-oġġetti b'użu doppju elenkati fl-Anness I tar-Regolament, rekwiżit ta' awtorizzazzjoni għal trasferimenti intra-UE jista' jiġi impost biss jekk l-operatur ikun ġie infurmat mill-awtorità kompetenti li l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

Jekk operatur ikun konxju li oġġetti b'użu doppju elenkati fl-Anness I tar-Regolament li bihsiebhom jittrasferixxu f'konformità mal-Artikolu 11(2), huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament, l-operatur għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti, li tista' tiddeċiedi li timponi rekwiżit ta' awtorizzazzjoni.

(It-Taqsima 4e tal-Ordinanza dwar il-Kontroll tal-Oġġetti b'Użu Doppju u l-Assistenza Teknika (2000:1217)).

10. **INFORMAZZJONI PPROVDUTA MILL-ISTATI MEMBRI FIR-RIGWARD TAL-ARTIKOLU 11(8) TAR-REGOLAMENT (TRASFERIMENTI INTRA-KOMUNITARJI)**

L-Artikolu 11(8) tar-Regolament jistipula li l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li, għat-trasferiment mit-territorju tagħhom lejn Stat Membru ieħor ta' oġġetti elenkati fil-Kategorija 5, il-Parti 2 tal-Anness I, li ma humiex elenkati fl-Anness IV tar-Regolament, għandha tingħata informazzjoni addizzjonali dwar dawk l-oġġetti lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru.

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri kif notifikati lill-Kummissjoni. Id-dettalji dwar il-miżuri huma pprovduti aktar 'il quddiem.

Stat Membru	Ittieħdu miżuri speċifiċi biex tintalab informazzjoni addizzjonali dwar punti speċifiċi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 11(8)?
IL-BELĠJU	LE
IL-BULGARIA	IVA
IR-REPUBBLIKA ĊEKA	LE
ID-DANIMARKA	LE
IL-ĠERMANJA	LE
L-ESTONJA	LE
L-IRLANDA	LE
IL-GREĊJA	LE
SPANJA	LE
FRANZA	LE
IL-KROAZJA	LE
L-ITALJA	LE
ĊIPRU	LE
IL-LATVIJA	LE
IL-LITWANJA	LE
IL-LUSSEMBURGU	IVA

Stat Membru	Ittieħdu miżuri speċifiċi biex tintalab informazzjoni addizzjonali dwar punti speċifiċi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 11(8)?
L-UNGERIJA	LE
MALTA	LE
IN-NETHERLANDS	LE
L-AUSTRIJA	LE
IL-POLONJA	LE
IL-PORTUGALL	LE
IR-RUMANIJA	LE
IS-SLOVENJA	LE
IS-SLOVAKKJA	LE
IL-FINLANDJA	LE
L-IŻVEZJA	LE

10.1. **Il-Bulgarija**

Għat-trasferiment mit-territorju tar-Repubblika tal-Bulgarija lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor ta' oġġetti b'użu doppju elenkati fil-Kategorija 5, il-Parti 2 tal-Anness I u li mhumiex elenkati fl-Anness IV tar-Regolament, il-Kummissjoni Interministerjali tista' tirrikjedi, mill-persuna li tagħmel it-trasferiment, informazzjoni addizzjonali dwar l-oġġetti.

(L-Artikolu 51(9) tal-Att dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni ta' Prodotti Relatati mad-Difiża u Oġġetti u Teknoloġiji b'Użu Doppju, (emendat - Gazzetta tal-Istat Nru 41/2024, effettiv fl-10.05.2024).

10.2. **Il-Lussemburgu**

Għat-trasferiment mit-territorju tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor ta' oġġetti b'użu doppju elenkati fil-Kategorija 5, il-Parti 2 tal-Anness I u li mhumiex elenkati fl-Anness IV tar-Regolament, l-informazzjoni addizzjonali li ġejja għandha tiġi pprovduta fil-qafas tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni:

1. Indikazzjoni tar-referenza kummerċjali tal-oġġett, id-deskrizzjoni ġenerali u l-karatteristiċi tiegħu;
2. Il-preżentazzjoni tas-servizzi kriptografiċi li għandhom jiġu pprovduti;
3. Il-preżentazzjoni tal-implimentazzjoni tal-algoritmi;
4. Il-preżentazzjoni ta' normi jew standards ta' sigurtà;
5. Il-preżentazzjoni tat-tip ta' data kkonċernata mis-servizz;
6. Dokument relatat mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-oġġett (fi 12-il punt)

(Ir-Regolament Gran Dukali tal-14 ta' Diċembru 2018, l-Artikolu 10(1), il-paragrafu 1, is-subparagrafu 2 u l-paragrafu 2, is-subparagrafu 4, u l-Anness 15).

11. **INFORMAZZJONI PPROVDUTA MILL-ISTATI MEMBRI FIR-RIGWARD TAL-ARTIKOLU 12(6)(B) TAR-REGOLAMENT (AWTORIZZAZZJONIJIET ĠENERALI NAZZJONALI GĦALL-ESPORTAZZJONI)**

L-Artikolu 12(6)(b) tar-Regolament jirrikjedi li l-Kummissjoni tippubblika miżuri meħuda mill-Istati Membri fir-rigward ta' kwalunkwe awtorizzazzjoni ġenerali nazzjonali tal-esportazzjoni maħruġa jew immodifikata.

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri kif notifikati lill-Kummissjoni. Id-dettalji dwar il-miżuri huma pprovduti aktar 'il quddiem.

Stat Membru	L-Istat Membru tiegħek ħareġ jew immodifika awtorizzazzjonijiet ġenerali nazzjonali għall-esportazzjoni bl-applikazzjoni tal-Artikolu 12(6)?
IL-BELĠJU	LE
IL-BULGARIA	LE
IR-REPUBBLIKA ĊEKA	LE
ID-DANIMARKA	IVA
IL-ĠERMANJA	IVA
L-ESTONJA	LE
L-IRLANDA	LE
IL-GREĊJA	LE
SPANJA	LE
FRANZA	IVA
IL-KROAZJA	Iva (imma MHUX qed jintuża)
L-ITALJA	IVA
ĊIPRU	LE
IL-LATVIJA	LE
IL-LITWANJA	LE
IL-LUSSEMBURGU	LE
L-UNGERIJA	LE
MALTA	LE
IN-NETHERLANDS	IVA
L-AUSTRIJA	IVA
IL-POLONJA	IVA
IL-PORTUGALL	LE
IR-RUMANIJA	LE
IS-SLOVENJA	LE
IS-SLOVAKKJA	LE
IL-FINLANDJA	IVA
L-IŻVEZJA	LE

11.1. **Id-Danimarka**

Hemm fis-seħħ tliet Awtorizzazzjonijiet Ġenerali Nazzjonali għall-Esportazzjoni fid-Danimarka

DK-GNT2	għall-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti b'użu doppju lejn ċerti utenti finali fl-Ukrajna
DK-GNT3	għall-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti b'użu doppju lejn Greenland
DK-GNT4	għat-trasferiment ta' ċerti oġġetti b'użu doppju fl-Unjoni Ewropea

11.2. **Il-Ġermanja**

Hemm tlettax-il Awtorizzazzjoni Ġenerali Nazzjonali għall-Esportazzjoni fis-seħħ fil-Ġermanja:

1	L-Awtorizzazzjoni Ġenerali Nru 12 għall-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti b'użu doppju taħt ċertu limitu ta' valur;
2	L-Awtorizzazzjoni Ġenerali Nru 13 għall-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti b'użu doppju f'ċerti ċirkostanzi;
3	L-Awtorizzazzjoni Ġenerali Nru 14 għall-valvijiet u l-pompi;
4	L-Awtorizzazzjoni Ġenerali Nru 16 għall-esportazzjoni ta' oġġetti tat-telekomunikazzjoni u s-sigurtà tad-data;
5	L-Awtorizzazzjoni Ġenerali Nru 17 għall-esportazzjoni ta' varjaturi tal-frekwenza.
6	L-Awtorizzazzjoni Ġenerali Nru 32 għall-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti b'użu doppju lejn l-Ukrajna (ħlief għal żoni mhux ikkontrollati mill-gvern Ukren) lil (i) aġenziji tal-istat, istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet tal-gvern Ukren, (ii) ċerti aġenziji tal-għajnuna umanitarja, (iii) ċerti rappreżentanti tal-media, ħaddiema tal-għajnuna umanitarja, ħaddiema fl-iżvilupp u persunal assenjat għal dawn l-individwi, unikament għall-użu tagħhom stess
7	L-Awtorizzazzjoni Ġenerali Nru 37 għall-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti b'użu doppju f'ċerti destinazzjonijiet
8	L-Awtorizzazzjoni Ġenerali Nru 38 għall-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti b'użu doppju f'ċerti ċirkostanzi
9	L-Awtorizzazzjoni Ġenerali Nru 39 għat-trasferiment intra-UE ta' ċerti oġġetti kkontrollati mill-Anness IV tar-Regolament (UE) 2021/821
10	L-Awtorizzazzjoni Ġenerali Nru 40 għall-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti b'użu doppju f'ċerti ċirkostanzi
11	L-Awtorizzazzjoni Ġenerali Nru 41 għall-esportazzjoni tal-ispare parts elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821 taħt ċerti kundizzjonijiet
12	L-Awtorizzazzjoni Ġenerali Nru 43 għar-Riesportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju lejn ċerti pajjiżi
13	L-Awtorizzazzjoni Ġenerali Nru 44 għal ċerti esportazzjonijiet permezz ta' mezzi elettroniċi (ITT)

11.3. **Franza**

Hemm fis-seħħ tmien Awtorizzazzjonijiet Ġenerali Nazzjonali tal-Esportazzjoni fi Franza:

1	L-Awtorizzazzjoni Ġenerali Nazzjonali tal-Esportazzjoni għal oġġetti industrijali, kif definita fid-digriet tat-18 ta' Lulju 2002 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti industrijali soġġetti għal kontroll strateġiku fil-Komunità Ewropea [kif ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża Nru 176 tat-30 ta' Lulju 2002 (test 11) u kif emendata mid-digriet tal-21 ta' Ġunju 2004 dwar it-tkabbir tal-Unjoni Ewropea kif ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* tal-31 ta' Lulju 2004 (test 5)];
2	L-Awtorizzazzjoni Ġenerali Nazzjonali tal-Esportazzjoni għal prodotti kimiċi, kif definita fid-digriet tat-18 ta' Lulju 2002 dwar l-esportazzjoni ta' prodotti kimiċi b'użu doppju [kif ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* Nru 176 tat-30 ta' Lulju 2002 (test 12) u kif emendata mid-digriet tal-21 ta' Ġunju 2004 dwar it-tkabbir tal-Unjoni Ewropea kif ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* tal-31 ta' Lulju 2004 (test 6)];
3	L-Awtorizzazzjoni Ġenerali Nazzjonali għall-Esportazzjoni tal-grafita, kif definita fid-digriet tat-18 ta' Lulju 2002 dwar l-esportazzjoni ta' grafita ta' kwalità nukleari [kif ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* Nru 176 tat-30 ta' Lulju 2002 (test 13) u kif emendat bid-digriet tal-21 ta' Ġunju 2004 dwar it-tkabbir tal-Unjoni Ewropea kif ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* tal-31 ta' Lulju 2004 (test 7)];
